

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

# C 193



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

31 ta' Mejju 2016

Werrej

### I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

#### RIŻOLUZZJONIJIET

##### **L-Assemblea Parlamentari Euronest**

2016/C 193/01	Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar dwar il-pożizzjonijiet u l-preokkupazzjonijiet komuni tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant rigward il-politiki barranin u t-theddidiet esterni għas-sigurtà tagħhom .....	1
2016/C 193/02	Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar il-perspettivi finanzjarji plurieannali tal-UE u l-impatt tagħhom fost il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant .....	10
2016/C 193/03	Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar l-iżvilupp tal-politiki rigward il-gass mhux konvenzjonali u l-impatt potenzjali fuq is-swieq tal-enerġija fl-UE u fil-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant	13
2016/C 193/04	Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, tal-esperjenza ta' xogħol u tad-diplomi universitarji fi ħdan il-proċess ta' Bolonja .....	17
2016/C 193/05	Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar il-każ Nadiya Savchenko .....	23

MT



## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RIŻOLUZZJONIJIET

## L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI EURONEST

RIŻOLUZZJONI <sup>(1)</sup>

**tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar dwar il-pożizzjonijiet u l-preokkupazzjonijiet komuni tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant rigward il-politiki barranin u t-theddidiet esterni għas-sigurtà tagħhom**

(2016/C 193/01)

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI EURONEST,

- wara li kkunsidrat l-Att Kostitwenti tal-Assemblea Parlamentari EURONEST tat-3 ta' Mejju 2011,
  - wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Riga fil-21 u fit-22 ta' Mejju 2015,
  - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2015 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ġunju 2015 dwar is-sitwazzjoni militari strateġika fil-Baċir tal-Baħar l-Iswed wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2015 dwar l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà (COM(2015)0185),
- A. billi l-ambjent tas-sigurtà internazzjonali fl-Ewropa nbidel b'mod drammatiku fis-snin riċenti, b'żieda sinifikanti fid-diżordni globali u bl-emerġenza ta' kunflitti reġjonali u lokali ġodda fil-Lvant Nofsani, fl-Afrika ta' Fuq u fl-Ewropa tal-Lvant; billi l-persistenza ta' dawn il-kunflitti, u tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'reġjuni fil-gwerra, irriżultaw f'ċaqliq bla preċedent ta' persuni li qed ifittxu l-protezzjoni f'pajjiżi ġirien u fl-Istati Membri tal-UE;
- B. billi, skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-UE hija impenjata għal multilateraliżmu effettiv bħala mudell ta' governanza globali; billi l-organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tippovdi forum intergovernattiv uniku fejn l-Istati Membri tagħha jistgħu jiddiskutu u jieħdu azzjonijiet konġunti dwar kwistjonijiet globali, bħall-paċi u s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, il-prevenzjoni tal-kunflitti, id-diżarm u t-terroriżmu; billi l-UE u l-Istati Membri tagħha involvew ruħhom b'mod kostruttiv fil-fora tan-Nazzjonijiet Uniti u f'fora internazzjonali oħra, flimkien ma' sħab u pajjiżi li jaħsbuha l-istess, biex jiffurmaw tweġibiet għall-kwistjonijiet ta' tħassib globali u reġjonali u ta' dritt internazzjonali;

<sup>(1)</sup> Adottata fit-22 ta' Marzu 2016 fi Brussell, il-Belġju.

<sup>(2)</sup> Testi adottati, P8\_TA-PROV(2015)0272.

<sup>(3)</sup> Testi adottati, P8\_TA-PROV(2015)0269.

<sup>(4)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2015)0232.

- C. billi l-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) inħolqot biex issaħħa is-shubbijiet tal-Unjoni Ewropea mal-pajjiżi ġirien sabiex tiġi żviluppata żona ta' rispett komuni għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità;
- D. billi l-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa għandha esperjenza u għarfien espert fil-qasam tal-liġi kostituzzjonali;
- E. billi s-Shubbija tal-Lvant hija bbażata fuq impenji għall-prinċipji tad-dritt internazzjonali u għall-valuri fundamentali, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;
- F. billi, meta ffirmaw Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bilaterali mal-UE, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna impenjaw ruħhom, flimkien mal-UE, li jippromwovu, jippreservaw u jsaħħu l-paċi u l-istabbiltà fid-dimensjonijiet reġjonali u internazzjonali, bħala wieħed mill-għanijiet tal-assoċjazzjoni politika;
- G. billi, kif enfasizzat fir-raba' u l-aħħar rapport ta' progress tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni mill-Georgia tal-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viżi (PALV), adottat fit-18 ta' Diċembru 2015, sa minn Ġunju 2012, meta tnedja d-Djalogu għal-Liberalizzazzjoni tal-Viżi bejn l-UE u l-Georgia, il-Georgia wettqet ir-riformi kollha meħtieġa li huma neċessarji sabiex tiżgura l-kisba effettiva u sostenibbli tal-parametri referenzjarji kollha stabbiliti fl-erba' blokki tat-tieni fażi tal-PALV; billi, skont il-PALV, il-Georgia wettqet sensiela ta' riformi leġiżlattivi u istituzzjonali f'dawn l-oqsma li ġejjin: sigurtà tad-dokumenti, ġestjoni tal-fruntieri, ġestjoni tal-migrazzjoni u ażil, ordni pubbliku u sigurtà (il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, it-traffikar, il-ħasil tal-flus u d-drogi; kooperazzjoni ġudizzjarja u fl-infurzar tal-liġi; protezzjoni tad-data personali; u protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż drittijiet tal-minoranzi);
- H. billi fit-18 ta' Diċembru 2015 il-Kummissjoni rrilaxxat is-sitt u l-aħħar rapport ta' progress tagħha dwar l-implimentazzjoni mill-Ukrajna tal-PALV;
- I. billi fis-7 ta' Diċembru 2015 l-UE u l-Armenja fetħu negozjati ta' livell għoli fid-dawl ta' ftehim qafas ġdid u komprensiv li jkopri l-kooperazzjoni politika, ekonomika u settorjali;
- J. billi, kif enfasizzat fid-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Shubbija tal-Lvant fil-21-22 ta' Mejju 2015, l-atti ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna u l-Georgia wrew li l-prinċipji fundamentali ta' sovranità u integrità territorjali, bi fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment, ma jistgħux jittieħdu bħala xi ħaġa fatta fis-seklu 21;
- K. billi l-influss tal-munizzjon, l-armi u l-ġellieda terroristi mir-Russja fit-territorji kkontrollati mill-gruppi armati illegali fl-Ukrajna kkawża numru kbir ta' persuni midruba u mejta, iċ-ċaqliq ta' aktar minn żewġ miljun ruħ bejn persuni supstati internament u rifuġjati, kif ukoll kriżi umanitarja persistenti;
- L. billi r-Russja tkompli tokkupa r-reġjuni Georgjani ta' Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/Ossezja tan-Nofsinhar, u ħadet passi ulterjuri biex tikseb l-annessjoni fattwali tagħhom, bi ksur tan-normi u l-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali; billi sehew tindif etniku u tibdil demografiku furzat f'żoni li jinsabu taħt kontroll effettiv tal-forzi ta' okkupazzjoni, li huma responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'dawn iż-żoni, inkluż il-ksur tad-dritt għal moviment liberu kif ukoll id-dritt għal kuntatti interpersonali u edukazzjoni bil-lingwa materna tal-individwu;
- M. billi l-okkupazzjoni temporanja tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u tal-belt ta' Sevastopol mir-Russja, kif ukoll l-aggressjoni militari mir-Russja fid-Donbas tal-Ukrajna, wasslu għal ksur sinifikanti tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali fuq it-territorji okkupati;
- N. billi r-Russja u l-Unjoni Ewropea imponew embargi kummerċjali reċiproċi; billi r-Russja, mingħajr l-ebda bażi legali, implimentat miżuri arbitrarji li jiksru standards universali u huma nieqsa mit-trasparenza sabiex tqiegħed fuq il-lista s-sewda diversi politikanti tal-UE billi tiċdihom id-dħul fit-territorju Russu;
- O. billi l-kunflitti fit-territorji tal-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant jaġhmluhom aktar vulnerabbli għad-distabbilizzazzjoni politika u jipperikolaw serjament is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tagħhom; billi, barra minn hekk, dawn iż-żoni milquta mill-kunflitti fil-kontinent Ewropew u madwaru joħlqu periklu serju għas-sigurtà tal-UE u tas-sħab tagħha;

- P. billi l-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani mtlew bl-inkwiet, il-vjolenza u l-gwerra ċivili; billi l-faqar, l-iskarsezzi ta' riżorsi, l-effetti relatati mat-tibdil fil-klima, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-istaġnar ekonomiku jqiegħdu pressjoni kbira fuq il-popolazzjonijiet f'hafta partijiet tal-kontinent Afrikan u fil-Lvant Nofsani, b'mod speċjali fuq il-minoritajiet bħall-Insara u l-Yazidis, li jiġu sfurzati jaħarbu minn djarhom;
- Q. billi f'Settembru 2014 ġiet iffurmata koalizzjoni internazzjonali wiesgħa bil-għan li tegħleb lill-organizzazzjoni terroristika li ssejjaħ lilha nnifisha l-"Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante" (ISIL/Da'esh);
- R. billi pajjiżi sħab involvew ruħhom f'kooperazzjoni mal-UE fil-qasam tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ tal-PSDK għar-Riformi tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) f'pajjiżi sħab;
- S. billi l-Ukrajna fl-2005, u l-Georgia u l-Moldova fl-2012, ikkonkludew Ftehimiet Qafas mal-UE dwar il-parteċi-pazzjoni f'operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet immexxija mill-UE; billi fl-2014 l-Ukrajna ħadet sehem fl-attività tal-Gruppi Tattiċi tal-UE u kkontribwixxiet permezz ta' freġata għall-Forza Navali tal-UE (EU NAVFOR) Somalia — Operazzjoni Atalanta, filwaqt li, fl-2014 ukoll, il-Moldova u l-Georgia ħadu sehem għall-ewwel darba f'missjonijiet tal-PSDK immexxija mill-UE, jiġifieri l-Missjoni ta' Taħriġ tal-UE (EUTM) fil-Mali u l-operazzjoni militari tal-UE fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA);
- T. billi l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi sħab kollha huma partijiet għal trattati ta' diżarm multilaterali relatati mal-armi ta' qerda massiva (AQM), bħat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari, it-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari u l-Konvenzjonijiet dwar l-Armi Bijoloġiċi u Kimiċi; billi 17-il Stat Membru tal-UE, u l-pajjiżi sħab kollha, huma wkoll firmatarji tat-Trattat tal-Forzi Armati Konvenzjonali Adattati fl-Ewropa;
- U. billi l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà għall-2015-2020, kif proposta mill-Kummissjoni, tistabbilixxi tliet prijoritajiet, jiġifieri t-trattament tat-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, it-tfixkil tal-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità;
- V. billi xi Stati Membri tal-UE, pajjiżi sħab u pajjiżi ġirien iffaċċjaw aggressjoni esterna, attacchi terroristiċi, kriminalità organizzata transkonfinali u ċiberkriminalità, li, f'xi wħud minn dawn il-pajjiżi, huma marbuta ma' estremiżmu politiku vjolenti u radikaliżmu reliġjuż; billi l-ISIL/Da'esh sponsorja attacchi fuq l-art ta' Stati Membri tal-UE;
- W. billi l-UE u l-Istati Uniti daħlu f'negozjati biex jistabbilixxu ftehim kummerċjali ġdid, jiġifieri s-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP);
- X. billi l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv (DCFTA) bejn l-Ukrajna u l-UE daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016; billi r-Russja minn dak iż-żmien imponiet sanzjonijiet ekonomiċi fuq l-Ukrajna, inkluż restrizzjonijiet fuq it-tranżitu tal-merkanzija bejn l-Ukrajna u l-Asja Ċentrali mir-Russja;
- Y. billi l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE u pajjiżi sħab jiddependu fuq provvisti tal-enerġija esterni, għalhekk l-aċċess għall-enerġija għandu rwol kritiku fit-tfassil tas-sitwazzjoni ġeopolitika fl-Ewropa; billi l-politiki dwar l-enerġija tal-UE u tal-pajjiżi sħab tagħha m'għandhomx jimminaw il-valur ewlenin tas-Sħubija tal-Lvant jew il-koerenza tal-politiki barranin rispettivi tagħhom;
- Z. billi l-Istati Uniti, l-Iran, ir-Russja u atturi oħrajn huma direttament jew indirettament involuti fil-kunflitti reġjonali fis-Sirja u fl-Iraq, u għalhekk jistgħu jikkontribwixxu biex jinstabu soluzzjonijiet politiċi biex dawn il-kunflitti jiġu fi tmiemhom;
- AA. billi l-instabbiltà fit-tul u l-vjolenza li qed tikber fil-Libja jirrappreżentaw riskju kbir ta' sigurtà għall-Ewropa b'mod globali;
- BB. billi l-Iran, l-UE, Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit, iċ-Ċina, ir-Russja u l-Istati Uniti (EU3 + 3), li ltaqgħu fi Vjenna fl-14 ta' Lulju 2015, laħqu ftehim dwar il-kwistjoni nukleari tal-Iran li tippermetti t-tneħħija progressiva tas-sanzjonijiet tal-Kunsill Ġenerali tan-NU kif ukoll is-sanzjonijiet multilaterali u nazzjonali li jappartjenu għall-programm nukleari tal-Iran;
1. Tfakkar li s-Sħubija tal-Lvant twaqqfet fuq impenn komuni għal valuri komuni, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u għall-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità tal-UE, tal-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant u tal-kontinent Ewropew kollu; tissottolinja r-responsabbiltà ta' kull pajjiż tas-Sħubija tal-Lvant li jiggarrantixxi l-introduzzjoni u t-tmexxija ta' proċess sod ta' riforma, u l-ġlieda kontra mekkaniżmi ta' korruzzjoni; tissottolinja r-rwol ta' appoġġ tal-UE f'dan ir-rigward;

2. Tinnota li r-riżultat tar-rieżami tal-PEV se jipprovi l-bażi għal diskussjoni serja fl-2016 dwar kif, fil-każ ta' tliet sħab tal-Ewropa tal-Lvant li għandhom Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, approċċ differenzjat jista' jissarraf fil-prattika;
3. Tikkondividi l-fehma li l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha jiffaċċjaw sfidi multipli u simultanji għas-sigurtà tagħhom, li n-natura tagħhom hija aktar u aktar kumplessa, f'ambjent ikkaratterizzat minn ekonomija globalizzata, tibdil fil-klima, mobbiltà internazzjonali, diġitalizzazzjoni, ċaqliq demografiku u migrazzjonijiet, u t-treddidiet ikkawżati kemm mill-atturi tradizzjonali tal-Istat kif ukoll mill-organizzazzjonijiet mhux tal-Istat li jappoġġjaw it-terroriżmu jew il-kriminalità internazzjonali;
4. Tistieden lill-UE u lill-pajjiżi sħab tagħha jibnu relazzjoni politika aktar mill-qrib, u jfittxu li jikkonverġu l-politiki barranin rispettivi tagħhom u jagħmluhom aktar konsistenti sabiex jindirizzaw sfidi komuni u jissalvagwardjaw is-sigurtà tagħhom; tenfasizza li għandha tingħata prijorità għall-isforzi konġunti biex l-ordni tas-sigurtà Ewropea jitreġġa' lura taħt id-dritt internazzjonali; tissottolinja li dan l-ordni għandu jkun ibbażat fuq prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, valuri fundamentali, rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni ta' minoranzi, is-sovranità, l-indipendenza u l-involabbiltà tal-fruntieri;
5. Tfakkar li l-involvement mill-ġdid fi djalogu mas-soċjetà ċivili huwa kruċjali biex jiżgura appoġġ wiesa' għal kwalunkwe riforma ta' infurzar tal-liġi;
6. Tirrifjuta l-perspettiva ta' diviżjoni ġdida tal-kontinent Ewropew fi sferi ta' influwenza ta' poteri kbar, kif issuġġerit mill-politiki u l-azzjonijiet tar-Russja; taferma mill-ġdid il-prinċipju tad-dritt sovrani ta' kull pajjiż biex jiddeċiedi b'mod liberu u demokratiku l-politika barranija u ta' sigurtà tiegħu kif ukoll l-alleanzi militari tiegħu; tenfasizza li, skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu I tal-Att Finali ta' Helsinki tal-1975, kull pajjiż fl-Ewropa għandu d-dritt li jagħżel għalih innifsu jekk jisseħibx ma' xi trattat ta' alleanza, inkluż it-trattat fundatur tan-NATO;
7. Temmen li l-governanza demokratika tan-Nazzjonijiet Uniti għandha tissaħħaħ; titlob, għal dan il-għan, li l-Istati Membri tan-NU jirrifurmaw il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, sabiex ikun jirrifletti aħjar ir-realtajiet ġodda tad-dinja, u biex il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jkun aktar effiċjenti;
8. Tapprezza l-qafas tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) bħala forum inklussiv għad-djalogu dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u s-soluzzjoni tal-kunflitti; titlob ir-rivitalizzazzjoni tal-OSKE, u appoġġ politiku u finanzjarju korrispondenti; tissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni ulterjuri fl-UE, fost l-Istati Membri tagħha, il-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant, in-NU u l-OSKE, u ta' sforzi konġunti fl-immaniġġjar ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi u biex jinstabu soluzzjonijiet paċifiċi għal kunflitti fl-Ewropa; jiddispjaċiha, madankollu, li ma sar l-ebda progress sostanzjali fir-rigward tas-sejba ta' soluzzjonijiet paċifiċi u soluzzjonijiet komprensivi għal dawk hekk imsejħa kunflitti ffriżati li jaffettwaw il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant, u titlob azzjoni aktar effettiva u orjentata lejn ir-riżultati;
9. Hija tal-opinjoni li t-trattament tar-refuġjati, il-persuni spostati u l-flussi migratorji jeħtieġ approċċ komuni u olistiku għall-politiki barranin u tal-migrazzjoni, li jiġbor fih l-iżvilupp, il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti, il-maniġġjar ta' kriżijiet, il-qsim tal-piżijiet, l-għajnuna umanitarja u l-isforzi konġunti biex jittaffew il-piżijiet; tenfasizza l-ħtieġa imperattiva li l-UE tikkoopera mal-ġirien tagħha jekk trid li timmaniġġja l-kriżi tar-refuġjati b'mod effettiv filwaqt li tissalvagwardja l-kisbiet tal-integrazzjoni Ewropea għall-moviment liberu tal-persuni; tenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġu żviluppati proċeduri speċjali għall-identifikazzjoni bikrija, ir-reġistrazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' tfal spostati internament mhux akkumpanjati jew separati, u ta' gruppi vulnerabbli oħra, u li jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għall-għajnuna u s-servizzi;
10. Tenfasizza li l-kummerċ internazzjonali liberu u sostenibbli huwa xprun tat-tkabbir; tissottolinja, għalhekk, l-importanza tal-iżvilupp ta' relazzjonijiet kummerċjali liberi u ġusti, u tat-trawwim ta' investimenti barranin bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant, bil-għan li jikkontribwixxu għall-konverġenza politika u l-integrazzjoni ekonomika;
11. Tħeġġeġ lill-pajjiżi sħab jimplementaw riformi li jigarantixxu l-indipendenza tal-ġudikatura; tħeġġeġ lill-pajjiżi sħab, barra minn hekk, biex jevitaw li l-forzi politiċi jisfruttaw is-sistemi legali sabiex iwettqu ġustizzja selettiva;
12. Tenfasizza li l-indipendenza tal-midja mill-interessi politiċi hija ċentrali għall-pluraliżmu fix-xenarju tal-midja; temmen li l-midja indipendenti hija l-forza qabel kollox kontra d-diżinformazzjoni u l-propaganda; tistieden, għalhekk, lill-pajjiżi sħab jwaqqfu l-azzjonijiet li jikkompromettu l-integrità ta' din il-midja; tissuġġerixxi li l-Kummissjoni ta' Venezia tal-Kunsill tal-Ewropa għandha tgħin lill-pajjiżi sħab f'dan ir-rigward;

13. Tinnota li l-pajjiżi sħab għandhom jikkunsidraw għażliet differenti ta' politika barranija meta jiżviluppaw relazzjonijiet kummerċjali mal-UE u l-ġirien l-oħra tagħhom; tissottolinja li d-DCFTAs bejn l-UE, fuq naħa waħda, u l-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna, fuq l-oħra, għandhom l-għan li japprofondixxu b'mod sinifikanti r-relazzjonijiet, u jiżviluppaw il-kummerċ u l-investimenti barranin, bejn is-sħab firmatarji; tenfasizza li d-DCFTAs u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali ma' sħab oħra mhumiex esklussivi b'mod reċiproku; tqis li d-DCFTA mhux l-uniku għażla għall-politika kummerċjali tal-UE lejn is-sħab tagħha tal-Ewropa tal-Lvant; tistieden lill-UE, f'kollaborazzjoni mal-pajjiżi sħab tagħha, toffri miżuri kummerċjali alternattivi mfasla apposta għall-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet rispettivi tagħhom; tiddunzja l-miżuri kummerċjali ta' ritaljazzjoni imposti mir-Russja fuq l-Ukrajna wara li daħal fis-seħħ id-DCFTA; tistieden lill-Kummissjoni ddaħħal fis-seħħ kontromiżuri temporanji biex timminimizza l-effett negattiv tas-sanzjonijiet kummerċjali Russi fuq l-Ukrajna;
14. Tilqa' l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-PALV għall-Ukrajna u l-Georgia; tistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr il-proposta leġiżlattiva meħtieġa lill-Parlament Ewropew, u lill-Kunsill biex jitneħħew ir-rekwiżiti ta' viża għaċ-ċittadini Ukreni;
15. Tistieden lill-UE u lill-Istati Uniti biex jiftħu diskussjonijiet mal-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant, b'mod miftuħ u trasparenti li jinvolvi l-partijiet interessati u s-soċjetajiet ċivili kollha, dwar il-benefiċċji potenzjali tat-TTIP fuq l-ekonomiji tagħhom u kif dawn tal-aħħar jistgħu jingħataw aċċess aħjar għas-swieq taż-żewġ naħat tal-Atlantiku;

### Politika fir-rigward tar-Russja, it-Turkija u l-Iran

16. Tikkundanna l-politiki ta' propaganda u diżinformazzjoni, kif ukoll il-politiki ta' konfrontazzjoni u pressjonijiet politiċi jew ekonomiċi; tesprimi l-appoġġ tagħha għall-Komunikazzjoni Strateġika tal-UE; tistieden lill-UE ssahhaha u tikkooopera mal-pajjiżi sħab tal-Lvant sabiex jiġġieldu l-propaganda u d-diżinformazzjoni;
17. Ittendi l-appoġġ sod tagħha għas-sovranità u għall-integrità territorjali tal-Georgia fi ħdan il-fruntieri tagħha li huma rikonoxxuti internazzjonalment; tesprimi tħassib, f'dan il-kuntest, rigward żviluppi fir-reġjuni Georgjani ta' Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/Ossezja tan-Nofsinhar, inkluż l-implimentazzjoni mir-Russja tal-hekk imsejħa "trattati" li japprofondixxu l-integrazzjoni tagħha ma' Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/Ossezja tan-Nofsinhar, it-tkattir militari kontinwu fihom, l-installazzjoni illegali ta' lqugħ bil-barbed wire u arbli bis-sinjali tul il-linja tal-okkupazzjoni, u s-sitwazzjoni gravi tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post;
18. Tistieden lir-Russja tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Georgia, kif ukoll l-invjolabbiltà tal-fruntieri ta' din tal-aħħar rikonoxxuti internazzjonalment, treġġa' lura r-rikonoxximent tagħha tal-hekk imsejħa "indipendenza" tal-Abkażja u tar-reġjun ta' Tskhinvali/Ossezja tan-Nofsinhar u timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Waqfien mill-Ġlied tat-12 ta' Awwissu 2008; tistieden lir-Russja, b'mod partikolari, biex ittemm l-okkupazzjoni tat-territorji tal-Georgia, biex tippermetti aċċess sħiħ u mingħajr xkiel lill-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE, u lill-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, għar-reġjuni okkupati tal-Georgia, u biex tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fid-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra dwar il-kwistjonijiet ewlenin stabbiliti fuq l-aġenda, jiġifieri n-nuqqas ta' użu ta' forza, l-arranġamenti tas-sigurtà internazzjonali, u r-ritorn sikur u dinjituż ta' persuni spostati internament u refuġjati;
19. Tikkundanna kwalunkwe azzjoni militari u aggressjoni fil-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant li timmina l-ordni tas-sigurtà Ewropea, u tinsisti dwar il-ħtieġa għal soluzzjoni paċifika tat-tilwim, skont il-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Helsinki tal-1975, il-Karta ta' Pariġi tal-1990 għal Ewropa Ġdida, l-Att Fundatur bejn ir-Russja u n-NATO, il-Memorandum ta' Budapest u t-Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Sħubija bejn ir-Russja u l-Ukrajna; tistieden lill-partijiet għall-Ftehimiet ta' Minsk, il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied iffirmit bejn l-Azerbajġan, Nagorno-Karabakh u l-Armenja f'Mejju 1994, u għall-ftehim ta' waqfien mill-ġlied bejn ir-Russja u l-Georgia tat-12 ta' Awwissu 2008, biex jissodisfaw l-impenji tagħhom u jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-ftehimiet;
20. Tistieden lill-pajjiżi li jissupplixxu l-gass biex immedjatament jieqfu milli jużaw l-aċċess għall-enerġija u l-ipprezzar tal-enerġija bħala għodda politika biex ipoġġu taħt pressjoni Stati Membri tal-UE u l-pajjiżi sħab tagħha; tistieden lill-UE u lill-pajjiżi sħab tagħha jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija tagħhom, jiżviluppaw sorsi tal-enerġija alternattivi, isaħħu l-iffirmit tal-enerġija u jutilizzaw arranġamenti tal-gass bi "fluss fid-direzzjoni opposta", biex b'hekk inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija;

21. Tenfasizza li l-proġett tal-pipeline tal-gass Nord Stream 2 huwa f'kunflitt mal-interessi strateġiċi tal-UE, bħas-sigurtà, id-diversifikazzjoni, il-liberalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' unjoni tal-enerġija b'saħħitha; tistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaderixxu mar-regoli u l-ambizzjonijiet spjegati fid-dettall fit-Tielet Pakkett tal-Enerġija; thegġegħ lill-Istati Membri tal-UE kkonċernati biex iwaqqfu l-kooperazzjoni kollha mal-kumpanija Gazprom fuq il-proġett tal-pipeline tal-gass Nord Stream 2;
22. Hija kkonċernata minħabba r-riskju ta' inċidenti militari fl-Ewropa, fejn ir-Russja u n-NATO reċentement bagħtu aktar forzi militari u tagħmir, b'mod partikolari fl-Ewropa tal-Lvant, fil-Baċir tal-Baħar l-Iswed, fil-pajjiżi fuq il-Baħar Baltiku u fir-reġjun tal-Baħar Artiku; temmen li r-relazzjoni kooperattiva li n-NATO u r-Russja kienu qed jibnu sa minn wara t-tmiem tal-Gwerra Bierda qed tiġi affettwata b'mod sever mill-ksur tal-ordni tal-paċi Ewropew ibbażat fuq il-liġi kif intwera mill-okkupazzjoni u l-annessjoni illegali mir-Russja tal-Krimea; tirrakkomanda lin-NATO u lir-Russja jżommu mezz ta' komunikazzjoni miftuħa u jikkunsidraw inizzjattivi ġodda biex jevitaw l-inċidenti;
23. Thegġegħ lir-Russja, bħala l-istat okkupanti, biex tiżgura rispettt għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u fil-belt ta' Sevastopol, inkluż id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi nazzjonali, b'mod partikolari t-Tatars tal-Krimea, l-Ukreni u gruppi vulnerabbli oħra li jgħixu fil-Krimea, u biex tiżgura li l-korpi internazzjonali rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem ikunu jstgħu jwettqu l-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħhom b'mod liberu u mingħajr xkiel fuq il-peniżola;
24. Tenfasizza li l-iżvilupp ta' relazzjoni effettiva, u kooperazzjoni aktar mill-qrib, bejn l-UE u kwalunkwe pajjiż imsieħeb partikolari huwa ta' benefiċċju għal kulħadd; tistieden, għalhekk, lill-UE, lill-pajjiżi sħab tagħha u lit-Turkija biex isostnu djalogu ta' livell għoli dwar kwistjonijiet relatati mal-politika barranija u tas-sigurtà, bi prijorità tingħata lill-kunflitti u l-kwistjonijiet ta' sigurtà fil-Lvant Nofsni u l-impatt tagħhom fuq il-flussi tal-migrazzjoni;
25. Tirrikonoxxi r-responsabbiltà prominenti u l-isforzi ta' min ifaħħarhom tat-Turkija biex tipprovi għajnuna umanitarja, biex tiżgura l-protezzjoni tal-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra u l-qerda fis-Sirja u l-Iraq u biex timplimenta miżuri ta' sigurtà; tilqa' l-pjan ta' azzjoni konġunta tal-UE u t-Turkija biex flimkien jittrattaw l-isfidi li jippreżentaw il-migrazzjoni u l-fluss tar-refuġjati lejn l-Ewropa, u tistieden liż-żewġ partijiet jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom sabiex jiżguraw implimentazzjoni aktar malajr ta' dak il-pjan;
26. Ittenni li t-twittja tat-triq għad-djalogu bejn it-Turkija u l-Armenja hija ta' importanza kruċjali għall-istabbiltà u l-prosperità tar-reġjun; titlob li jiġu implimentanti l-ftehimiet fil-Protokoll dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi <sup>(1)</sup>, mingħajr prekundizzjonijiet, tul il-proċess tar-rikonċiljazzjoni soċjetali bejn it-Turkija u l-Armenja; tenfasizza n-nuqqas ta' aċċettabbiltà tal-politika tal-fruntieri magħluqa fuq il-kontinent Ewropew;
27. Titlob djalogu ulterjuri bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, taħt l-awspiċi tal-Ko-Presidenti ta' Minsk tal-OSKE, inkluż fil-livell tal-Presidenti, bil-għan li tinkiseb soluzzjoni dejjiema u paċifika li ġġib magħha stabbiltà u rikonċiljazzjoni, tiftaħ opportunitajiet għal żvilupp u kooperazzjoni reġionali;
28. Tilqa' l-ftehim milħuq mill-EU3 + 3 u l-Iran dwar il-programm nukleari ta' dan tal-aħħar; tistenna t-tneħħija gradwali ta' sanzjonijiet relatati mal-armi nukleari fuq l-Iran biex tibda fl-2016, bil-kundizzjoni li l-Iran jissodisfa l-impenji tiegħu; tinnotta li l-prospetti tal-ħelsien mis-sanzjonijiet għall-Iran iġibu opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-UE, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi sħab tagħha; tqis li l-Kawkasu jista' jkun l-ewwel reġjun fid-dinja li jgawdi bil-kbir minn klima ta' investiment għida u pożittiva b'riżultat tal-ftehim ma', u l-ħelsien mis-sanzjonijiet għall-Iran; tistieden lill-UE u lis-sħab tagħha biex jikkooperaw frabtiet ekonomiċi li qed jespandu mal-Iran, u jidentifikaw — u possibbilment jibdew — proġetti ġodda ta' interess komuni, b'mod speċjali fl-oqsma tat-trasport u l-enerġija;

### **Żieda fl-involvement fil-Lvant Nofsni u fl-Afrika ta' Fuq**

29. Tenfasizza li hemm numru ta' problemi serji ħafna u interkonnessi ta' natura politika, ekonomika, soċjali u ambjentali li ddestabilizzaw il-pajjiżi tal-Lvant Nofsni u tal-Afrika; tinnotta li sakemm dawn il-pajjiżi jsofru minn taqlib, ksur ta' drittijiet tal-bniedem u instabbiltà politika, huma u l-pajjiżi ġirien huma esposti għal theddidiet serji għas-sigurtà tagħhom;
30. Hija mħassba dwar id-deterjorazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żieda fil-vjolenza u l-oppressjoni kontra n-nisa, kif ukoll l-intolleranza murija lejn minoranzi etniċi u reliġjużi, f'ċerti pajjiżi tal-Lvant Nofsni u tal-Afrika ta' Fuq; hija tal-fehma li din ix-xejra negattiva tista' twassal għal tensjonijiet f'dawn is-soċjetajiet, u tista' twitti t-triq għal kunflitti ġodda u konsegwenzi negattivi oħra, bħal spostamenti ta' popolazzjoni jew flussi ta' refuġjati;

<sup>(1)</sup> Il-Protokoll dwar l-Istabiliment ta' Relazzjonijiet Diplomatiċi (2009) u l-Protokoll dwar l-Iżvilupp ta' Relazzjonijiet Bilaterali bejn ir-Repubblika tat-Turkija u r-Repubblika tal-Armenja.



31. Titlob approċċ ġdid għall-kwistjonijiet tas-sigurtà fir-reġjun, u għal kooperazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati, permezz ta' sħubiji strateġiċi li jkopru diversi oqsma ta' politika, inkluż l-ghajjnuna għall-iżvilupp, il-kooperazzjoni kulturali, l-adattament għat-tibdil fil-kima, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-ġestjoni tal-kontroll fil-fruntieri;
32. Tistieden lill-UE u lill-pajjiżi sħab tagħha jagħmlu hilitom kollha biex jinfluwenzaw lill-partijiet ikkonċernati biex iwaqqfu l-gwerra ċivili fis-Sirja u jħejju għal soluzzjoni politika; temmen li ISIL/Da'esh u gruppi terroristiċi oħrajn indikati min-NU m'għandu jkollhom l-ebda rwol ta' teħid ta' deċiżjonijiet fiż-żmien ta' wara l-gwerra jew fil-futur politiku tas-Sirja; hija tal-fehma li l-protezzjoni tan-nies ċivili fis-Sirja għandha tkun prijorità għall-komunità internazzjonali u għalhekk tistieden lill-partijiet li jinsabu f'kunflitt biex iwaqqfu l-attakki sproporzjonati u indiskriminati, inkluż il-bombardamenti, l-użu ta' żoni ċivili bħala mira u l-prevenzjoni ta' ghajjnuna umanitarja milli tilħaq lin-nies ċivili f'żoni ta' kunflitt;
33. Tinnota li fis-Sirja, l-użu tan-nies ċivili bħala mira, u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, ikkontribwixxew għaż-żieda ta' gruppi terroristiċi, b'mod partikolari l-ISIL/Da'esh; tqis li ISIL/Da'esh jippreżenta theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u li b'mod drammatiku mmina l-istabbiltà fl-Iraq, fis-Sirja u fil-Lvant Nofsani fuq skala usa', għaliex huwa responsabbli għal abbużi sistematiċi ta' drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt internazzjonali, inkluż il-qtil deliberat ta' nies ċivili u l-persekuzzjoni ta' individwi u komunitajiet sħaħ, flimkien ma' numru ta' atroċitajiet oħra; tilqa' l-impenn tas-sħab ta' koalizzjoni internazzjonali biex ikompli bl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu l-ISIL/Da'esh;
34. Hija tal-fehma li hija ta' importanza kruċjali għall-istabbiltà tal-Lvant Nofsani kollu li jitnieda mill-ġdid il-proċess ta' paċi fil-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina bil-għan li tinstab soluzzjoni komprensiva dejjiema li tirrispetta d-dritt internazzjonali u tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' żewġ stati;

#### L-iżvilupp tal-kooperazzjoni għas-sigurtà u d-difiża

35. Tinnota li t-theddiet esterni u interni għas-sigurtà saru aktar interdipendenti u kumplessi, u għalhekk anqas prevedibbli; tinnota b'mod partikolari t-theddiet ibridi li jinvolvu l-użu ta' mezzi militari u mhux militari, li jvarjaw minn intelligence, sovverżjoni politika u diżinformazzjoni għal attacchi ċibernetiċi u pressjonijiet ekonomiċi;
36. Tistieden lill-UE u lill-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant jirriflettu fuq, u jieħdu azzjonijiet konġunti ġodda biex jiskoraġġixxu u jiġġieldu, theddiet ġodda għas-sigurtà tagħhom, *inter alia* billi jqawwu l-kooperazzjoni tagħhom u jiskambjaw informazzjoni rilevanti; tappoġġja l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża, b'mod partikolari fil-qafas tal-Panel dwar il-Kooperazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant f'dan il-qasam; tistieden lill-UE ssaħħa il-komponent tas-sigurtà u s-sensittività għall-kunflitti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat u fis-Sħubija tal-Lvant billi tikkonċentra aktar inizjattiva u riżorsi fuq l-oqsma tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS), il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet tal-PSDK, il-kriminalità organizzata u l-ġestjoni tal-fruntieri; tenfasizza l-ħtieġa importanti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, pereżempju permezz tal-Europol u l-Eurojust;
37. Tilqa' l-fokus il-ġdid tal-PEV rieżaminata, u tilqa' wkoll l-intenzjoni tal-UE li żżid il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab tagħha fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-antiradikalizzazzjoni, il-kriminalità organizzata, il-ġestjoni tal-fruntieri u r-RSS; hija tal-fehma li din il-kooperazzjoni jeħtieġ li tkun sostanzjali, immirata lejn l-indirizzar ta' theddiet komuni għas-sigurtà u li tħaffef l-iżvilupp ta' sforzi konġunti għall-promozzjoni tas-soluzzjoni vijabbli tal-kunflitti, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni msaħħa f'missionijiet u fattivitajiet ta' taħriġ tal-PSDK, kif ukoll permezz ta' azzjonijiet intiżi biex jiżguraw in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u biex jiġġieldu kontra t-traffikar illeċitu ta' armi żgħar u armamenti ħfief;
38. Temmen li, b'mod partikolari, hija meħtieġa kooperazzjoni aktar mill-qrib biex iżżid l-għarfien tal-kunċetti tal-UE dwar l-RSS f'pajjiżi sħab; tistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw aktar lill-pajjiżi sħab biex iwettqu riformi, jibnu istituzzjonijiet xierqa tal-Istat u jimplimentaw prattiki tajba biex jittrattaw kwistjonijiet ta' sigurtà, bħal maniġġar ta' kriżijiet u intelligence; tissottolinja l-ħtieġa ta' sorveljanza parlamentari xierqa tal-korpi tal-Istat inkarigati mis-sigurtà u l-intelligence;
39. Tenfasizza l-ħtieġa li tissaħħa ir-reżiljenza tal-UE u tal-pajjiżi sħab tagħha, li hija l-kapaċità li jirreżistu u jadattaw għal pressjonijiet u xokkijiet interni u esterni, inklużi theddiet ibridi; tenfasizza li, għal dan l-għan, huwa essenzjali li jiġu trattati l-kawżi bażiċi ta' kriżijiet, jissaħħu l-istituzzjonijiet tal-Istat, jiġi promoss l-istat tad-dritt u ġudikatura indipendenti, u jiġu implimentati miżuri effettivi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; tistieden lill-UE tappoġġja lill-pajjiżi sħab fit-tweqqif ta' riformi tas-settur tas-sigurtà għan-nies ċivili, għaliex dawn huma kruċjali għat-tħejjija ta' soċjetajiet biex jirreżistu xokkijiet għal għarrieda ta' tipi differenti;

40. Tirrakkomanda lill-pajjiżi sħab biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-UE fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża, u biex ifittxu approċċi komuni mal-UE dwar strateġiji militari; tilqa' l-parteċipazzjoni tal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna fl-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet immexxija mill-UE, u tenfasizza li dan għandu jsaħħaħ l-interoperabbiltà militari bejn l-UE u s-sħab tagħha fit-tul; tissuġġerixxi lill-Georgia u lill-Moldova biex iqisu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tal-Gruppi Tattiċi tal-UE; tirrakkomanda li l-UE tinvolvi ruħha b'mod aktar attiv fil-proċess ta' soluzzjoni paċifika ta' kunflitti fit-territorji tal-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant;
41. Tenfasizza l-ħtieġa li tinżamm l-istabbiltà fil-Moldova fir-rigward tal-kriżi politika li għaddeja minnha, anke fir-rigward tal-kunflitt Transnistrijan kontinwu, li jeħtieġ li jiġi ttrattat permezz ta' negozjati inklussivi u miftuħa;
42. Temmen li l-"kunflitti ffriżati" fil-Viċinat Ewropew (Transnistrija, Abkażja u Ossezja tan-Nofsinhar, u Nagorno Karabakh) jeħtieġ li jiġu trattati b'mod urġenti sabiex iġibu stabbiltà fir-reġjun; temmen li għandu jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib fost il-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant sabiex jistabbilixxu sisien sodi li jiżguraw l-integrazzjoni reġjonali;

### **Segwitu tal-involviment fid-diżarm u l-mitigazzjoni tar-riskji tal-proliferazzjoni u t-traffikar tal-armi**

43. Tistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-pajjiżi sħab biex isegwu b'mod attiv l-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-universalità ta' trattati multilaterali ta' diżarm; tħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jisfruttaw, b'mod aħjar, il-potenzjal li jippromwovu u jappoġġjaw l-operazzjonijiet konġunti ta' diżarm li jinvolvu l-pajjiżi sħab;
44. Titlob fokus aktar qawwi fuq ir-rwol tal-kontroll tal-armi fil-politika ta' sigurtà u fuq il-ġlieda kontra l-kummerċ fl-armi illegali; tilqa', f'dan ir-rigward, id-dħul fis-seħħ f'Diċembru 2014 tat-Trattat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ tal-Armi, li għandu l-għan li jsaħħaħ ir-responsabbiltà u t-trasparenza fil-kummerċ tal-armi; tħeġġeġ lill-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant jissiehu mal-pożizzjoni komuni tal-UE dwar l-esportazzjonijiet tal-armi;
45. Tappoġġja l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha biex jimmitigaw ir-riskji tal-armi ta' qerda massiva (AQM) u tal-proliferazzjoni u l-kuntrabandu ta' komponenti tal-AQM u ta' armi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN); titlob aktar żvilupp tal-ħiliet u tal-mezzi ta' appoġġ għall-proġetti taċ-Ċentru ta' Eċċellenza CBRN tal-UE għall-Ewropa tax-Xlokk/il-Kawkasu tan-Nofsinhar/il-Moldova/l-Ukrajna;
46. Tħeġġeġ lill-UE tqis il-militarizzazzjoni intensa mir-Russja tal-Krimea okkupata illegalment, inkluż il-pożizzjonament ta' armi nukleari, bħala theddida serja għas-sigurtà tal-UE u tar-reġjuni tal-Baħar l-Iswed u tal-Mediterran; tistieden lir-Russja tirrispetta l-istatus mingħajr armi nukleari tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha;

### **Il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità**

47. Tenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni multilaterali u interstatali fuq livell globali u reġjonali biex jiġu ffaċċjati l-isfidi ppreżentati mit-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità, kif enfasizzat mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tat-28 ta' April 2015 dwar l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà; tistieden, għalhekk, lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi sħab tagħha biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-korpi ta' infurzar tal-liġi nazzjonali tagħhom fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità transnazzjonali u transkonfinali, bħat-traffikar tal-bnedmin — b'mod partikolari t-traffikar ta' nisa u tfal, u ta' drogi, armi u oġġetti kulturali — u l-kriminalità ekonomika u ċ-ċiberkriminalità; tinkoraġġixxi lill-pajjiżi sħab jgħeddu l-kooperazzjoni bejniethom f'dawn l-oqsma, taħt formati reġjonali;
48. Tħeġġeġ lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-pajjiżi sħab biex jadottaw approċċ simplifikat għall-politiki tagħhom dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu intern u estern; tirrakkomanda, b'mod partikolari, li jittrattaw l-għeruq sottostanti tat-terroriżmu li żviluppa lokalment (bħal estremiżmu politiku u reliġjuż), li jwaqqfu r-reklutaġġ f'organizzazzjonijiet terroristiċi u li jeqirdu l-inċitament għal attacki terroristiċi; titlob l-użu sħiħ tal-politiki barranin u tal-iżvilupp tal-UE fil-ġlieda kontra l-faqar, id-diskriminazzjoni u l-marġinalizzazzjoni, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, fil-promozzjoni ta' gvernanza tajba u biex jiġu evitati u solvuti l-kunflitti — għaliex daww l-elementi huma indispensabbli biex il-gruppi vulnerabbli tas-soċjetà jinżammu 'l bogħod mill-propaganda estremista;
49. Tindika l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni prevalenti fir-reġjun, u l-ħtieġa li dawn jiġu indirizzati sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi li jistgħu jirriżultaw, li jaffettwaw il-proċess ta' integrazzjoni reġjonali, u sabiex jiżied il-livell ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi;

50. Tistieden lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kummissjoni jsaħħu l-kooperazzjoni ma', u fost, il-kumpaniji tal-Internet u l-pjattaforma ta' netwerking soċjali sabiex jirrestrinġu l-aċċess għal materjal terroristiku disponibbli onlajn u jneħħu l-propaganda terroristika, filwaqt li jiżguraw rispettt għad-drittijiet fundamentali, b'mod speċjali l-privatezza tad-dejta u d-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta;
  51. Tagħti istruzzjonijiet lill-Kopresidenti tagħha biex jgħaddu din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissarju għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant.
-

**RIŻOLUZZJONI <sup>(1)</sup>****tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar il-perspettivi finanzjarji plurieannali tal-UE u l-impatt tagħhom fost il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant**

(2016/C 193/02)

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI EURONEST,

- wara li kkunsidrat l-iżvilupp tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) mill-2004, u b'mod partikolari r-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħha,
  - wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u l-Viċi President/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sikurezza tat-18 ta' Novembru 2015 bl-isem "Reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV)" u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat tal-14 ta' Diċembru 2015,
  - wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjonijiet Konġunti tas-Summits tas-Sħubija tal-Lvant u b'mod aktar speċifiku l-aħħar waħda adottata f'Riga fit-22 ta' Mejju 2015,
  - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2015 dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidrat il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bilaterali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna, il-Georgia u r-Repubblika tal-Moldova rispettivament u l-applikazzjoni provviżorja tagħhom,
  - wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat,
  - wara li kkunsidrat ir-Regoli ta' Proċedura tagħha,
- A. billi s-Sħubija tal-Lvant ħolqot qafas sinifikanti għall-approfondiment tar-relazzjonijiet, l-aċċellerazzjoni tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika ulterjuri bejn l-UE u l-imsieħba tal-Lvant, billi appoġġat ir-riformi politiki u soċjoekonomiċi u ffaċilitat l-approssimazzjoni mal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE;
- B. billi s-Sħubija tal-Lvant issaħħa ukoll ir-relazzjonijiet fost l-imsieħba nfushom, billi tikkontribwixxi għall-iskambju ta' informazzjoni u l-esperjenza f'firxa sħiħa ta' oqsma ta' riforma u għall-adozzjoni tal-istandards komuni;
- C. billi kull pajjiż imsieħeb għandu d-dritt sovrani li jagħżel liberament il-livell ta' ambizzjoni u l-miri li jaspira għalihom fir-relazzjonijiet tiegħu mal-Unjoni Ewropea u ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali oħra;
- D. billi erbgħa minn sitt imsieħba tal-Lvant huma membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (l-Armenja, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna);
- E. billi partijiet kbar tal-viċinat għadhom milquta minn kunflitti armati jew iffriżati li jxekklu t-trasformazzjoni ekonomika, soċjali u politika, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali;
- F. billi, skont l-Istrument Ewropew tal-Viċinat 2014-2020, bejn EUR 741 u 906 miljun huma allokatu għall-proġetti reġjonali fil-Viċinat tal-Lvant minn total ta' EUR 15,4 biljun għall-istrument kollu; billi fondi oħra disponibbli taħt dan l-istrument ikopru kooperazzjoni bilaterali bejn l-UE u l-pajjiżi tal-viċinat, kif ukoll proġetti reġjonali fil-Viċinat tan-Nofsinhar u l-kooperazzjoni transkonfinali;
- G. billi l-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-reviżjoni tal-PEV tat-18 ta' Novembru 2015 ħabbret l-intenzjoni tagħha li twestaq valutazzjoni fil-fond bil-għan li tiżviluppa għażliet, inkluż strument, li jista' jindirizza aħjar u b'mod aktar effiċjenti l-bżonnijiet finanzjarji tal-pajjiżi tal-viċinat;

<sup>(1)</sup> Adottata fit-22 ta' Marzu 2016 fi Brussell, il-Belġju.<sup>(2)</sup> Testi adottati, P8\_TA-PROV(2015)0272.

**It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ekonomika intrareġjonali fost l-imsieħba tal-Lvant**

1. Tenfasizza li l-pajjiżi tal-SL huma kulturalment u storikament marbuta mill-qrib ma' xulxin, kif ukoll mal-Unjoni Ewropea, billi jaqsmu wirt u valuri Ewropej;
2. Tenfasizza li l-integrazzjoni ekonomika fost il-pajjiżi tal-SL bħalissa hija flivell relattivament baxx; tenfasizza li integrazzjoni tas-swieq aktar fil-fond bejn il-pajjiżi tal-SL tgħin biex tistimula t-tkabbir ekonomiku f'din iż-żona, iżda għib magħha wkoll benefiċċji politiċi u tikkontribwixxi għall-bini tal-fiduċja u r-rikonċiljazzjoni fir-reġjun;
3. Tikkunsidra li, peress li l-mira ewlenija tas-sħubija tal-Lvant hija l-integrazzjoni politika u ekonomika tal-imsieħba mal-Unjoni Ewropea, l-Assemblea Parlamentari Euronestgħandha ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' rabtiet fost il-pajjiżi msieħba nfushom; tilqa' l-fatt li l-komunikazzjoni konġunta tat-18 ta' Novembru 2015 dwar ir-reviżjoni tal-PEV tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-ġirien, iżda jiddispaċja li d-dimensjoni multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant bilkemm hija indirizzata;
4. Titlob lill-UE u lill-imsieħba Ewropej tal-Lvant biex jimpenjaw bis-saħħa biex jiżviluppaw miżuri konkreti biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ekonomika reġjonali; temmen li dan għandu jsir fuq il-bażi ta' analiżi tal-fatturi li jipprejvju l-iżvilupp ta' integrazzjoni ekonomika intrareġjonali, tal-interessi kondiviżi u ta' dawk iż-żoni li jistgħu jibbenefikaw l-aktar minn dan l-iżvilupp;
5. Tenfasizza li l-istabbiliment ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA) bilaterali mal-Ukrajna, il-Georgia u r-Repubblika tal-Moldova hija għodda kruċjali għal kummerċ modern, trasparenti u prevedibbli u approssimazzjoni regolatorja, kif ukoll għal investment barrani dirett li jwassal għall-ħolqien tal-impjegji u tkabbir fit-tul; temmen li l-UE u t-tliet msieħba tal-Lvant assoċjati jistgħu jipprevedu l-ħolqien ta' dimensjoni multilaterali fost il-pajjiżi tad-DCFTA nfushom, bil-għan aħħari li joħolqu żona ekonomika bbażata fuq ir-regoli tad-WTO u l-għażliet sovrani, kif iddikjarat fil-komunikazzjoni tar-reviżjoni tal-PEV tat-18 ta' Novembru 2015;
6. Tirrikonoxxi li l-pajjiżi msieħba jistgħu jsewju diversi toroq sabiex itejbu r-relazzjonijiet ekonomiċi u ta' kummerċ mal-UE u l-ġirien tagħhom; tikkunsidra li madankollu hemm spazju għal aktar kooperazzjoni bejn l-UE u dawk l-imsieħba li ma fittxewx li jidħlu fi Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u DCFTAs, b'rispett sħiħ għall-obbligi internazzjonali ta' kull parti; tenfasizza li l-adozzjoni tal-istandards internazzjonali, *inter alia* fuq il-bażi tar-regoli tad-WTO, tista' tkun mod effettiv biex jingħelbu l-ostakli tekniċi; f'dan ir-rigward tilqa' l-proposta li tinsab fil-komunikazzjoni tat-18 ta' Novembru 2015 biex jiġu ffirmati l-Ftehimiet dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni (ACAAs), li jippermettu l-moviment liberu tal-prodotti industrijali f'setturi speċifiċi;
7. Tiġbed l-attenzjoni għall-eżempji ta' suċċess ta' integrazzjoni ekonomika fost il-pajjiżi fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant kif ukoll fil-Balkani tal-Punent, li jistgħu fil-parti l-kbira tagħhom iservu bħala mudell tajjeb għall-approfondiment tal-integrazzjoni ekonomika fost il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;
8. Tenfasizza li xenarju bħal dan jeħtieġ rieda politika kondiviża mill-imsieħba tal-Lvant; għalhekk tapella lill-imsieħba tal-Lvant biex jirriflettu dwar ir-relazzjonijiet rispettivi tagħhom bejniethom bil-għan li jsaħħu aktar kooperazzjoni u lill-UE biex tipprovdi kompetenza u assistenza biex tgħin lill-imsieħba tagħha jesploraw opportunitajiet għodda għal żvilupp ekonomiku konġunt; tikkunsidra li konverġenza u kooperazzjoni ikbar, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji, regolamenti tekniċi u valutazzjonijiet ta' konformità, assistenza amministrattiva reċiproka dwar kwistjonijiet ta' dwana, armonizzazzjoni tas-suq diġitali, akkwist pubbliku, trasport, viżi u skambji edukattivi, tiġġenera potenzjal kbir għall-kisbiet tal-benesseri għall-benefiċċju tal-popolazzjoni fil-pajjiżi msieħba kollha u tista' ttejjeb bil-kbir il-klima kummerċjali, kif ukoll l-abbiltà tal-operaturi ekonomiċi biex jipparteċipaw f'katina ta' valur madwar ir-reġjun kollu;
9. Tisħaq dwar l-importanza ta' toroq liberi u miftuħin; tenfasizza l-liberalizzazzjoni tal-mezzi tat-trasport għal pajjiżi mingħajr aċċess dirett għal portijiet u terminals tal-baħar;

**Għodod finanzjarji tal-UE biex tittejjeb l-integrazzjoni ekonomika intrareġjonali**

10. Tinnota li l-UE tappoġġa b'mod finanzjarju l-integrazzjoni reġjonali permezz ta' approssimazzjoni komuni għall-aħjar Prattiki u l-istandards tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-Istrument Ewropew tal-Viċinat; tiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-biċċa l-kbira tal-baġit tagħha huwa ddedikat għar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-imsieħba tal-Lvant, iżda xi wħud mill-istrumenti jappoġġaw il-proġetti tal-PEV jew b'mod speċifiku, id-dimensjoni reġjonali tal-SL;

11. Tieħu nota tal-proġetti li għaddejjin taħt "Il-programmi reġjonali tal-Lvant"; tinnota li mhux ienjar sa liema punt dawn il-programmi jikkontribwixxu għall-approfondiment tal-integrazzjoni intrareġjonali; għalhekk tappella lill-Kummissjoni biex tinkludi din id-dimensjoni fir-rappurtar tagħha;
12. Tilqa' l-fatt li diversi programmi tal-UE għandhom l-għan li jtejbu l-livell tal-istandards regolatorji u l-istandards tekniċi fil-pajjiżi tal-SL, peress li dan huwa meħtieġ biex jinħoloq il-potenzjal għall-approfondiment tal-kooperazzjoni ekonomika kemm fost il-pajjiżi tal-FL u bejniethom kif ukoll fost l-Istati Membri tal-UE; hija ħerqana għal proposti aktar konkreti mill-Kummissjoni u l-SEAE rigward il-modernizzazzjoni u l-allinjament strateġiku tal-istrumenti tal-assistenza teknika tal-UE (TAIEX u Twinning), kif tħabbar fil-komunikazzjoni konġunta tat-18 ta' Novembru 2015; temmen li l-assistenza teknika tal-UE m'għandiex titwassal biss fuq bażi bilaterali iżda wkoll fuq bażi multilaterali, sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni u tgħin biex toħloq regoli regolatorji komuni madwar ir-reġjun;
13. Tilqa' t-tnedija s-sena d-dieħla mill-Kummissjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA), Faċilità għall-Intrapriżi Żgħar u Medji li se tipprovdi madwar EUR 200 miljun f'għotjiet mill-baġit tal-UE matul l-10 snin li ġejjin; tinnota li l-faċilità hija mistennija tiftaħ investimenti ġodda li mill-inqas jiswew EUR 2 biljuni għall-SMEs fit-tliet pajjiżi tas-sħubija tal-Lvant li għandhom DCFTA mal-UE; tenfasizza li aċċess insuffiċjenti għall-finanzi huwa wieħed mill-isfidi ewlenin li jaffaċċjaw l-SMEs; titlob lill-UE biex tiżgura li l-fondi jingħataw malajr lill-SMEs u biex tagħmel ċert li l-appoġġ tal-UE ikun viżibbli b'mod ċar għall-benefiċjarji tagħha u li l-SMEs huma konxji sew minn din l-inizjattiva; titlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra opportunitajiet ta' għotjiet dwar il-kooperazzjoni reġjonali fi ħdan il-faċilità;
14. Tikkunsidra li l-assistenza mill-UE biss mhix biżżejjed, peress li l-istituzzjonijiet tal-UE — u b'mod partikolari l-Bank tal-Investiment Ewropew — iridu jiddependu fuq banek imsieħba fis-swieq finanzjarji lokali biex iħallsu s-self; thegġegħ lill-pajjiżi msieħba biex iwettqu r-riformi sostanzjali meħtieġa sabiex jipprovdu kundizzjonijiet tas-suaq adegwati għall-SMEs;
15. Tilqa' l-isforzi tal-Pjattaforma 2 tal-SL dwar l-Integrazzjoni Ekonomika u l-Konverġenza mal-Politiki tal-UE kkoordinati mill-Kummissjoni, li tipprovdi forum ta' djalogu li għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp intelliġenti, sostenibbli u inklużiv ta' ekonomija ta' suq ħieles fil-pajjiżi msieħba; titlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa biex issaħħaħ il-mandat tal-pjattaforma u tittrasformah f'korp aktar strateġiku li jiddefinixxi oqsma li fihom l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-approssimazzjoni tal-istandards ikunu tal-ikbar benefiċċju għall-integrazzjoni ekonomika mhux biss mal-UE iżda wkoll fil-livell intrareġjonali;
16. Tilqa' l-proposta li l-UE għandha tappoġġa lill-imsieħba tagħha fil-modernizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom biex jiksibu tkabbir sostenibbli, kif imħabbar fil-komunikazzjoni konġunta tat-18 ta' Novembru 2015; tissuġġerixxi li għandha tiġi mrawma kooperazzjoni effettiva u miżmuma fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fil-kuntest ta' proġetti bilaterali dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-Assoċjazzjoni, b'assistenza esperta mill-Istati Membri;
17. Temmen li l-Parlamenti tal-imsieħba tal-Lvant u l-Parlament Ewropew għandhom ikunu involuti f'dan l-approċċ aktar strateġiku u li l-Assemblea Parlamentari Euronest tista' tagħti kontribut ta' valur fih;
18. Tagħti struzzjonijiet lill-Kopresidenti tagħha biex jibagħtu din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, is-SEAE, il-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.

**RIŻOLUZZJONI <sup>(1)</sup>****tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar l-iżvilupp tal-politiki rigward il-gass mhux konvenzjonali u l-impatt potenzjali fuq is-swieq tal-enerġija fl-UE u fil-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant**

(2016/C 193/03)

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI EURONEST,

- wara li kkunsidrat l-Att Kostituttiv tal-Assemblea Parlamentari Euronest tat-3 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Riga fil-21 u t-22 ta' Mejju 2015,
- wara li kkunsidrat il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2014 dwar qafas għall-politika tal-klima u tal-enerġija fl-2030,
- wara li kkunsidrat id-deċiżjonijiet tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima li saret f'Pariġi mit-30 sal-10 ta' Diċembru 2015,
- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2014 dwar qafas għall-politika tal-klima u tal-enerġija fl-2030 <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-14 ta' Marzu 2013 dwar il-pjan direzzjonali għall-Enerġija 2050, futur b'enerġija <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-Kooperazzjoni fil-qasam tal-politika dwar l-enerġija ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna. Approċċ strateġiku għal provvista sikura, sostenibbli u kompetittiva tal-enerġija <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidrat il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2014 bit-titolu "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030" (COM(2014)0015),
- wara li kkunsidrat id-dokumenti ta' strateġija nazzjonali għall-enerġija tal-Armenja, tal-Ażerbajġan, tal-Belarusja, tal-Georgia, tal-Moldova u tal-Ukrajna għall-perjodi sal-2020 u l-2030 rispettivament,
- wara li kkunsidrat l-oġġettivi fundamentali u l-programm ta' ħidma tas-Sħubija tal-Lvant (Pjattaforma 3 — Sigurtà tal-enerġija),
- wara li kkunsidrat il-ħolqien tas-Sħubija għall-Promozzjoni tal-Effiċjenza Enerġetika u tal-Ambjent fl-Ewropa tal-Lvant (E5P) fl-2009,
- wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 194 tiegħu, li jafferma li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu li jistabbilixxu miżuri tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija hija, *inter alia*, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, fosthom, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(2),
- wara li kkunsidrat id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidrat ir-rapporti annwali tal-2014 u tal-2015 lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali dwar l-attivitatijiet tal-Komunità tal-Enerġija,

<sup>(1)</sup> Adottata fit-22 ta' Marzu 2016 fi Brussell, il-Belġju.<sup>(2)</sup> Testi adottati, P7\_TA(2014)0094.<sup>(3)</sup> Testi adottati, P7\_TA(2013)0088.<sup>(4)</sup> ĠU C 332 E, 15.11.2013, p. 28.<sup>(5)</sup> ĠUL 164, 30.6.1994, p. 3.

- A. billi l-Istati Membri tal-UE u s-sħab tagħhom tal-Ewropa tal-Lvant huma responsabbli qabel xejn għat-taħlitiet enerġetiċi tagħhom u għas-sodisfazzjon tad-domanda għall-enerġija li maż-żmien qiegħda tiżdied, u l-Istati Membri tal-UE għandhom jaġixxu skont l-Artikolu 194 tat-TFUE u b'hekk jiżguraw il-funzjonament tas-suq tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista enerġetika, kif ukoll jippromwovu l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija, l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli u l-interkonnessjoni tan-netwerks tal-enerġija;
- B. billi f'ambjent enerġetiku fevoluzzjoni rapida kkaratterizzat minn kompetizzjoni globali dejjem akbar fir-rigward tar-riżorsi, prezzijiet għall-enerġija li qed jogħlew u differenzi dejjem akbar fil-prezzijiet meta mqabbla ma' wħud mill-akbar kompetituri tagħna, l-ekonomiji u ċ-ċittadini tal-Ewropa jirrikjedu enerġija li tkun sostenibbli, bi prezzijiet raġonevoli u bi provvista sikura u affidabbli;
- C. billi l-pajjiżi tagħna għadhom qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' għadd ta' sfidi marbutin mal-enerġija, fosthom id-dekarbonizzazzjoni, id-dipendenza dejjem akbar tal-importazzjonijiet fuq fornitur monopolista uniku (bir-riskji relatati għas-sigurtà tal-provvista), l-użu tal-provvisti enerġetiċi bħala strument ta' pressjoni politika, it-tlestija tas-suq enerġetiku intern, il-faqar enerġetiku u l-impatt tal-prezzijiet tal-enerġija fuq il-kompetittività;
- D. billi l-idrokarburi mhux konvenzjonali għandhom il-potenzjal li jsaħħu s-sorsi indiġeni tal-enerġija u jnaqqsu d-dipendenza tal-importazzjonijiet;
- E. billi t-tekniki assoċjati mal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli, magħrufa anki fl-isem "fracking", qanqlu tħassib f'dawk li huma s-saħħa pubblika u l-effetti ambjentali;
- F. billi l-Kummissjoni tixtieq tiżgura l-integrità ambjentali tal-estrazzjoni tal-idrokarburi mhux konvenzjonali, bħall-gass tax-shale, u taċċerta ruħha li r-riskji li jistgħu jinbtu mill-proġetti individwali u mill-iżvilupp kumulattiv ikunu ġestiti adegwament fl-Istati Membri tal-UE li jixtiequ jespjoraw jew jisfruttaw tali riżorsi;
- G. billi fit-22 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni wieġbet għall-appelli għal azzjoni urġenti bl-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni li kellha l-għan li tagħti ċarezza u prevedibilità għall-awtoritajiet pubbliċi, għall-operaturi tas-suq u għaċ-ċittadini;
- H. billi r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/70/UE tat-22 ta' Jannar 2014 dwar prinċipji minimi għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi (bħall-gass tax-shale) bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli<sup>(1)</sup> tistieden lill-Istati Membri tal-UE jsegwu prinċipji minimi huma u jimplementaw jew jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom applikabbli għall-esplorazzjoni jew għall-produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli;
- I. billi, minkejja li l-kriżi ekonomika dinjija u l-prezzijiet taż-żejt baxxi ħallew impatt negattiv fuq l-investimenti fl-estrazzjoni tal-fjuwils fossili mhux konvenzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali għadhom jiżvolġu rwol sinifikanti billi jattawwaj effett ta' lieva fuq il-fondi u s-self nazzjonali għal tali investimenti;
- J. billi d-depożiti ta' gass tax-shale li qegħdin jinstabu f'pajjiżi li preċedentement ma kellhom l-ebda riserva ta' gass sfruttabbli jgħibu opportunità għall-pajjiżi li jimportaw il-gass naturali biex jittrasformaw ruħhom fi produttori, b'hekk ikunu jistgħu jiggwarantixxu l-bżonnijiet fit-tul ta' gass naturali minn sors intern u/jew isiru esportaturi permezz tal-iżvilupp il-ġdid tal-gass naturali likwifikat (LNG);
- K. billi l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha tal-Ewropa tal-Lvant għandhom bżonn iqisu l-kompetittività ġenerali tal-ekonomiji tagħhom, kif ukoll tas-setturi tagħhom għall-estrazzjoni tal-idrokarburi bħall-fjuwil fossili huma u jsawru politiki xierqa għall-impożizzjoni ta' obbligi fuq is-setturi industrijali li qegħdin jiżviluppaw modi ġodda ta' estrazzjoni ta' fjuwils fossili mhux konvenzjonali fil-kuntest tal-esplorazzjoni jew tal-isfruttament ta' tali riżorsi;
1. Tisħaq fuq l-importanza tal-assistenza tal-UE b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet politiki stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/70/UE;
  2. Tissekonda l-prinċipji minimi stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/70/UE, maħsuba biex jiżguraw li s-saħħa pubblika, il-klima u l-ambjent jiġu mħarsa, li r-riżorsi jintużaw b'mod effiċjenti, li l-kompetizzjoni għall-isfruttament, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tkun organizzata b'mod trasparenti u li l-pubbliku jinżamm infurmat; jitlob lil dawk l-Istati Membri tal-UE li biħsiebhom iwettqu l-fratturazzjoni idrawlika jirrispettaw dawn il-prinċipji;
  3. Tappella għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet neċessarji għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni sikuri u effikaċi tal-idrokarburi (bħall-gass tax-shale) bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli;

(<sup>1</sup>) ĠUL 39, 8.2.2014, p. 72.



4. Tenfasizza li s-sħab tal-Ewropa tal-Lvant ikollhom jittrattaw it-tħassib pubbliku dwar il-konsegwenzi negattivi kollha possibbli tal-fratturazzjoni idrawlika u jiżguraw l-ogħla standards f'termini ambjentali, soċjali, ta' saħħa pubblika, ta' effiċjenza u ta' sikurezza kif ukoll kompetizzjoni trasparenti għall-isfruttament, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-estrazzjoni tal-gass mhux konvenzjonali; tevidenzja, barra minn dan, il-bżonn li l-perikli ambjentali u pubbliċi jkunu evitati;
5. Tigbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari assoċjati mal-isfruttament tal-gass naturali, li bħalissa jirrappreżenta kwart tal-konsum enerġetiku primarju tal-UE u x'aktarx jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'terminu qasir sa medju, f'każ li jissostitwixxi il-fjuwils fossili b'intensità iktar qawwija ta' karbonju; tissottolinja, b'mod partikolari, li, fil-livell tal-konsumatur, ir-reġjuni li jiddependu mit-tisħiħ biż-żejt jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom billi jinkoraġġixxu lis-sidien tad-djar jaqilbu għat-tisħin bil-gass naturali; tosserva li tali reġjuni ma għandhomx ikunu skoraġġiti milli jżidu l-effiċjenza enerġetika f'setturi ewlenin bħall-bini, jew milli jimmassimizzaw l-użu tagħhom tas-sorsi rinnovabbli;
6. Issostni l-esplorazzjoni tal-gass tax-shale fl-Istati Membri tal-UE, fid-dawl tal-fatt li jaf ikun sostitut possibbli għall-fjuwils fossili b'intensità iktar qawwija ta' karbonju, sors indiġenu ta' gass naturali (b'hekk tonqos id-dipendenza mill-fornituri l-oħra tal-enerġija) u mutur possibbli ta' impjiegi, tkabbir ekonomiku u sorsi addizzjonali ta' dħul pubbliku;
7. Tissottolinja kemm l-opportunitajiet potenzjali l-ġodda kif ukoll l-isfidi li jinbtu mill-estrazzjoni tal-gass tax-shale, kif tevidenzja r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/70/UE;
8. Tappella għall-intensifikazzjoni tar-riċerka xjentifika fundamentali u applikata kif ukoll tar-riċerka tematika dwar il-previżjoni xjentifika kif ukoll għall-istabbiliment tal-prospettar ta' żoni għall-iżvilupp tal-lavanja, sustanzi organiċi għoljin u gass metan mid-depożiti tal-faħam, li jistgħu jkunu kollegati mal-estrazzjoni tal-gass fil-baċiri kollha taż-żejt, tal-gass u tal-faħam;
9. Tisħaq fuq il-bżonn li titħejja dokumentazzjoni normattiva u teknika u li din issir konformi mal-istandards internazzjonali tal-industrija għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni effikaċi fir-rigward tas-saffi tal-gass tax-shale fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;
10. Tappella għal titjib fil-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-użu tas-sottoswol għall-produzzjoni taż-żejt u tal-gass, u għall-valutazzjoni, il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-impatti ambjentali u soċjali negattivi u potenzjalment negattivi tal-użu tas-sottoswol;

#### **Impatt potenzjali fuq is-swieq tal-enerġija fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant**

11. Tqis li l-attivitatijiet marbuta mal-gass tax-shale għandhom ukoll il-potenzjal li jgħibu vantaġġi ekonomiċi diretti jew indiretti lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi, reġjuni, komunitajiet lokali, impriżi u ċittadini tas-Sħubija tal-Lvant, ngħidu aħna bis-saħħa tal-investimenti reġjonali fl-infrastrutturi, opportunitajiet diretti jew indiretti ta' impjiegi u dħul pubbliku fil-forma ta' taxxi, drittijiet u royalties;
12. Tosserva l-eżempju tal-Istati Uniti, fejn il-gass mhux konvenzjonali bħalissa jirrappreżenta 60 % tal-produzzjoni nazzjonali tal-gass, bil-gass tax-shale jirreġistra l-ogħla rata ta' tkabbir; tirrimarka li din iż-żieda sinifikanti fil-produzzjoni indiġena ta' gass naturali rriżultat fi prezzijiet tal-gass aktar baxxi fl-Istati Uniti u influwenzat temporanjament il-prezz tal-importazzjonijiet tal-LNG fl-UE;
13. Tieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 li enfasizzaw il-bżonn ta' diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Ewropa u ta' żvilupp ta' riżorsi enerġetiċi sikuri u indiġeni ħalli tkun garantita s-sigurtà tal-provvista, tonqos id-dipendenza enerġetika esterna tal-Istati Membri tal-UE u jkun stimolat it-tkabbir ekonomiku;
14. Tfakkar li l-oġettiv fit-tul tal-UE, flimkien mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, huwa li ssir ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli; tqis li l-gass naturali u d-disponibilità ta' sorsi ġodda ta' fjuwils fossil indiġeni li huma sikuri u sostenibbli, bħall-gass naturali minn formazzjonijiet ta' shale, jistgħu jiżvolġu rwol fit-trasformazzjoni tas-settur enerġetiku, speċjalment jekk dawn jissostitwixxu l-fjuwils fossili b'intensità iktar qawwija ta' karbonju; hi tal-fehma li, fi kwalunkwe każ, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mis-sistema enerġetika tagħna se jeħtieġ titjib kontinwu fl-effiċjenza enerġetika, fl-iffrankar enerġetiku kif ukoll żieda fl-użu tat-teknoloġiji sostenibbli, partikolarment l-enerġiji rinnovabbli;
15. Tistieden lill-Belarussja twaqqaf il-kostruzzjoni tal-impjant nukleari tagħha sakemm issir, b'mod miftuħ u trasparenti, valutazzjoni tal-impatt ambjentali tasew indipendenti tal-kostruzzjoni u tal-operazzjoni tiegħu, fir-rispett sħiħ tal-istandards u tar-rekwiżiti internazzjonali tas-sikurezza nukleari u ambjentali, bħall-Konvenzjonijiet ta' Espoo u ta' Aarhus kif ukoll l-istandards tas-sikurezza stabbiliti mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), u bl-involvement tal-partijiet interessati kollha, bil-għan li jiġi żgurat li ma jsir l-ebda kompromess a skapitu tal-ħarsien tal-ambjent u tas-sikurezza nukleari;

16. Tistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant jagħmlu kull ma jistgħu biex jiggarantixxu t-trasparenza fin-negozjati tal-ftehimiet fil-qasam tal-enerġija mal-pajjiżi terzi, speċjalment ma' dawk magħrufa li jużaw ir-riżorsi enerġetiċi bħala strument tal-politika barranija;

### **Informazzjoni ġenerali dwar il-kooperazzjoni bejn l-Ukrajna u l-UE fis-settur enerġetiku**

Il-gass tax-shale u l-gass metan, li flimkien huma magħrufin bħala "gass mhux konvenzjonali", qegħdin iqanqlu interess notevoli fil-konsolidament tar-riżorsi tal-idrokarburi u fiż-żieda tal-indipendenza enerġetika tal-Ukrajna;

Il-kunċett ta' idrokarburi mhux tradizzjonali jinkludi l-gass tax-shale, il-blat ġibjun ta' gass kompressat (tight gas) (jew il-gass tat-tip tal-baċir ċentrali) u d-depożiti ta' żejt tax-shale, metan mis-saffi tal-faħam u idrati tal-gass. Fl-Ukrajna jeżistu prospettivi għall-ftuħ tad-depożiti tal-idrokarburi mhux konvenzjonali ta' kull tip.

Diversi esperti stmaw li fl-Ukrajna r-riżorsi ta' gass tax-shale rekuperabbli u mistennija jvarjaw bejn 7 u 15-il triljun m<sup>3</sup>; Il-maġġor parti tal-esperti jaqblu li l-Ukrajna tinsab fir-raba' post fl-Ewropa (wara l-Polonja, Franza u n-Norveġja) għar-riżorsi tal-gass tax-shale.

Wieħed mill-fatturi ewlenin neċessarji għall-funzjonament effikaċi tal-ekonomija tal-Ukrajna huwa li l-bżonnijiet tal-pajjiż f'termini ta' riżorsi minerali, primarjament il-fjuwil u l-enerġija, ikunu sodisfatti. It-tnaqqis fil-livell tal-konsum enerġetiku għandu jmur pari passu mal-fatt li għandha tingħata prijorità lill-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' tiftix ġodda u lill-produzzjoni u lill-użu ta' sorsi enerġetiċi naturali, fosthom dawk mhux konvenzjonali;

Bil-għan li l-gass tax-shale jiġi żviluppat, huwa neċessarju li jiġu implimentati t-teknoloġiji moderni għal-lokalizzazzjoni, l-ittestjar, l-intensifikazzjoni (partikolarment l-użu ta' fratturazzjoni f'ħafna stadji) u l-iżvilupp tad-depożiti, u jinġibdu investimenti sinifikanti meħtieġa, li l-Ukrajna ma għandhiex.

Il-kooperazzjoni bejn l-Ukrajna u l-UE fis-settur tal-enerġija ssir fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna u l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni, tal-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kooperazzjoni fil-Qasam Enerġetiku bejn l-UE u l-Ukrajna u tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija.

L-iżvilupp tar-riżorsi ta' produzzjoni tal-idrokarburi mhux konvenzjonali, partikolarment il-gass tax-shale, huwa mxekkel minn għadd ta' fatturi oħrajn, fosthom l-assenza ta' leġiżlazzjoni li tkun tirregola l-produzzjoni ta' dan it-tip ta' materja prima.

Bħala membru tal-Komunità tal-Enerġija, l-Ukrajna għandha obbligu li timplimenta t-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija Attwalment qiegħda tirriforma s-settur enerġetiku tagħha u tarmonizza l-leġiżlazzjoni tagħha skont l-impenji li ħadet. Fost il-kisbiet reċenti nsibu l-adozzjoni tal-Liġi dwar is-Suq tal-Gass Naturali, maħsuba biex toħloq ambjent effiċjenti u kompetittiv f'dan is-settur.

Bil-għan li twettaq riformi settorjali fl-2015, l-Ukrajna kellha l-ħsieb li tħejji u tadotta għadd ta' atti leġiżlattivi li jlliberalizzaw is-swieq tal-gass u tal-elettriku.

B'mod partikolari, il-Ministeru tal-Enerġija u l-Industrija tal-Faħam tal-Ukrajna, flimkien mas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija, abbozza l-Liġi dwar is-Suq tal-Gass Naturali skont id-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u r-Regolament (KE) Nru 715/2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali.

L-imsemmija liġi tiddefinixxi l-qafas leġiżlattiv għar-riforma tas-settur tal-gass kif ukoll pjan għall-implimentazzjoni tagħha skont il-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tal-enerġija, inklużi d-dispożizzjonijiet tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija.

**RIŻOLUZZJONI <sup>(1)</sup>****tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, tal-esperjenza ta' xogħol u tad-diplomi universitarji fi ħdan il-proċess ta' Bolonja**

(2016/C 193/04)

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI EURONEST,

- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Riga tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant (21 u 22 ta' Mejju 2015), li tibni fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Vilnius u ta' Varsavja li saru fis-snin preċedenti f'kuntest simili,
- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat: ħidma favur sħubija aktar b'saħħitha. Il-pożizzjoni tal-PE dwar ir-rapporti ta' progress 2012,
- wara li kkunsidrat l-Att Kostitutiv tal-Assemblea Parlamentari Euronest tat-3 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidrat il-komunikat ministerjali ta' Yerevan li rriżulta mir-Raba' Forum Politiku ta' Bolonja u mill-Konferenza Ministerjali taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA) li saret fl-14 u fil-15 ta' Mejju 2015,
- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tat-3 ta' April 2012 tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, inkluża l-kwistjoni tal-kooperazzjoni bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili, u l-kwistjoni tar-riformi mmirati lejn l-għoti ta' setgħa lis-soċjetà ċivili,
- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Sorbonne dwar l-armonizzazzjoni tal-arkitettura tas-sistema Ewropea tal-edukazzjoni għolja, iffirmata f'Pariġi fil-25 ta' Mejju 1998 mill-Ministri tal-Edukazzjoni ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Italja u tar-Renju Unit,
- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Bolonja fid-19 ta' Ġunju 1999 mill-Ministri tal-Edukazzjoni ta' 29 pajjiż Ewropew (id-Dikjarazzjoni ta' Bolonja),
- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni ta' Budapest-Vjenna tat-12 ta' Marzu 2010 adottata mill-Ministri tal-Edukazzjoni ta' 47 pajjiż, li nediet uffiċjalment l-EHEA,
- wara li kkunsidrat il-komunikat maħruġ mill-Konferenza Ministerjali u mit-Tielet Forum Politiku ta' Bolonja li saru f'Bucharest fis-26 u s-27 ta' April 2012,
- wara li kkunsidrat l-Istrateġija għall-Mobilità 2020 għall-EHEA, adottata mill-Konferenza Ministerjali EHEA li saret f'Bucharest fis-26 u s-27 ta' April 2012,
- wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali,
- wara li kkunsidrat ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 biex jiġi faċilitat il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi għal waqfiet qosra uniformi għal rikkerturi,
- wara li kkunsidrat ir-rapport intitolat "The European Higher Area for Education in 2015 - Bologna Proċess Implementation Report" (Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja fl-2015 — Rappor ta' Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja),
- wara li kkunsidrat ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (EQF-LLL),
- wara li kkunsidrat il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020"),

(<sup>1</sup>) Adottata fit-22 ta' Marzu 2016 fi Brussell, il-Belġju.

- wara li kkunsidrat il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja,
  - wara li kkunsidrat ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel u tiġi promossa l-mobilità fit-tagħlim taż-żgħażaġh,
  - wara li kkunsidrat ir-rapport intitolat "The European Higher Area for Education in 2012 -Bologna Proċess Implementation Report" (Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja fl-2015 — Rappor ta' Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja),
  - wara li kkunsidrat ir-rapport finali tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament tal-Edukazzjoni Għolja li saret f'Yerevan, fl-Armenja, fit-8 u d-9 ta' Settembru 2011,
  - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-23 ta' Settembru 2008 dwar il-Proċess ta' Bolonja u l-mobilità tal-istudent,
  - wara li kkunsidrat ir-rapport tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Marzu 2015 dwar Segwitu għall-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja,
  - wara li kkunsidrat il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ffirmati bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvernijiet tal-Georgia, tal-Moldova u tal-Ukrajna,
  - wara li kkunsidrat l-iskemi ta' boroż ta' studji Erasmus+ u Erasmus Mundus,
  - wara li kkunsidrat il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew (CETS Nru 165, Lisbona, 11 ta' April 1997),
- A. billi r-ikonossiment reċiprodu tad-diplomi tal-edukazzjoni għolja bejn l-UE u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (SL) għadu proċess kumpless u għali, minkejja l-progress rappreżentat mill-Proċess ta' Bolonja u mill-EHEA;
- B. billi l-istudenti tal-pajjiżi tas-SL isibuha diffiċli u xi kultant impossibbli li jkollhom il-kwalifiki tagħhom debitament rikonossuti f'ċerti Stati Membri tal-UE, filwaqt li xi kultant l-istudenti tal-UE jħabbtu wiċċhom ma' problemi simili fil-pajjiżi tas-SL;
- C. billi l-ostakli għar-ikonossiment tad-diplomi u tal-kwalifiki jistgħu jipprevjenu t-trawwim tal-mobilità akkademika u professjonali u tar-rabtiet kulturali bejn żewġ partijiet, kif ukoll jimpedixxu l-promozzjoni tar-riċerka akkademika u l-progressi ġenerali f'bosta oqsma tax-xjenza fl-Ewropa;
- D. billi ma jeżisti l-ebda arranġament għal trattament indaqs f'termini ta' rikonossiment tal-kwalifiki professjonali għaċ-ċittadini tal-pajjiżi tas-SL/membri tal-Proċess ta' Bolonja-EHEA, u dan jipprevjeni lil bosta professjonisti kwalifikati ħafna f'firxa ta' oqsma regolati, bħall-kura tas-saħħa u l-ħidma soċjali, l-edukazzjoni, l-arkitettura u l-konstruzzjoni (eż. l-inġinerija tal-konstruzzjoni) u lil bosta oħrajn, milli jtejbu l-kapaċitajiet tagħhom billi jipprattikawhom fi ħdan l-UE, u b'hekk milli jieħdu lura f'pajjiżhom għarfien siewi u jimlew il-lakuni fil-forza tax-xogħol kwalifikata ħafna fl-Istati Membri tal-UE
- E. billi hemm bżonn qawwi li aktar istituzzjonijiet orjentati lejn ir-riċerka, fosthom skejjel ta' dottorati, ikunu żviluppanti fil-pajjiżi tas-SL, b'hekk ikunu offruti aktar għażliet ta' karrieri fir-riċerka għall-istudenti lokali;
- F. billi l-approċċi għar-ikonossiment tal-kwalifiki jvarjaw kemm fi ħdan l-UE kif ukoll bejn l-UE u l-pajjiżi tas-SL li huma membri tal-Proċess ta' Bolonja/EHEA;
- G. billi la hemm armonizzazzjoni tal-proċess tar-ikonossiment tal-kwalifiki barranin u lanqas mekkaniżmu effikaċi f'termini ta' spejjeż għall-informazzjoni reattiva fil-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Bolonja/EHEA;
- H. billi f'aktar minn żewġ terzi tal-pajjiżi parteċipanti, id-deċiżjonijiet finali dwar ir-ikonossiment tal-kwalifiki barranin jinkombu għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja nnifishom;

- I. billi għad hemm tħassib dwar l-imparzjalità, it-trasparenza, l-istandards u l-obbligu ta' rendikont fir-rigward ta' bosta istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja f'ħafna pajjiżi tas-SL;
- J. billi l-korruzzjoni, il-burokrazija, il-konservattività, l-inċertezza u l-mentalitajiet antikwati għadhom jistgħu jinsabu fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u okkażjonalment anki fl-UE, u dan jeħtieġ li jiġi ttrattat u miġġieled;
- K. billi n-netwerk taċ-Ċentru Nazzjonali ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent Akkademiku (ENIC/NARIC) huwa n-netwerk ewlieni li joffri skambju ta' informazzjoni f'dak li huwa rikonoxximent u jiżviluppa strumenti għar-rikonoxximent tal-proċeduri, tal-politiki u tal-prattiki bil-potenzjali li l-pubbliku u s-sħab jinżammu informati u jgħin lill-pajjiżi membri u lill-korpi politiki essenzjali jifhmu l-proċess ta' rikonoxximent, filwaqt li jsahha ukoll l-allinjament tal-leġiżlazzjoni u tal-proċeduri nazzjonali mal-prattiki tal-UE;
- L. billi l-universitajiet huma spazji li jrawmu l-iżvilupp ta' ideat ġodda u jiddependu mil-libertà tal-kelma u tal-ħsieb biex jilhqnu żvilupp akkademiku; billi dan jista' jkun f'kunflitt mal-perssonijiet politikament motivati, b'hekk l-istudenti spiss ikunu esposti għall-vessazzjonijiet u saħansitra għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;
- M. billi l-programmi Erasmus+ jikkostitwixxu strumenti kruċjali għall-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja kemm tal-UE kif ukoll tas-SL, għall-istimolu tal-kooperazzjoni internazzjonali mal-istituzzjonijiet tal-UE u għall-kontribut għar-riforma tal-edukazzjoni għolja u aktar mobiltà tal-istudenti;

### Prinċipji ġenerali

1. Tafferma li l-edukazzjoni għolja ta' kwalità rikonoxxuta fuq livell reċiproku għall-istudenti tal-UE u tal-pajjiżi tas-SL, kif ukoll ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali għall-professjonijiet regolati ewlenin u rikonoxximent sħiħ tal-esperjenza ta' xogħol miksuba miż-żewġ naħat, jistgħu jkunu fundamentali biex iżidu u jtejbu r-rabtiet interkulturali u soċjoekonomiċi u jrawmu l-paċi, l-iżvilupp, il-prosperità u l-istabilità;
2. Tilqa' pożittivament l-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma' tliet pajjiżi tas-SL u hija ħerqana għal dan l-iżvilupp li għandu impatt pożittiv fuq ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, tal-kwalifiki, tal-kapaċitajiet u tal-esperjenza ta' xogħol; tqis li huwa prijorità assoluta l-ħolqien ta' mezzi sinifikanti u dejjiema ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi tas-SL, li jiżguraw il-kontinwità tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam u f'oħrajn; tosserva fl-istess ħin li l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni joffru strumenti msaħħa ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni fil-livell governattiv u parlamentari, u jistgħu jservu ta' bażi għal aktar kooperazzjoni, anki billi jinħolqu Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent, tiġi attwata Karta Professjonali Ewropea (KPE) konġuntament bejn l-UE u s-SL u jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' informazzjoni u allerta effikaċi f'termini ta' spejjeż kif ukoll permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern bejn l-UE u s-sħab tal-Lvant tagħha;
3. Tenfasizza li l-Proċess ta' Bolonja bl-ebda mod mhu sistema monodirezzjonali iżda li, pjuttost, għandu l-għan li jrawwem l-iżvilupp tal-edukazzjoni għolja u l-mobiltà akkademika bejn l-UE u l-pajjiżi tas-SL, u li l-parteċipanti taż-żewġ naħat jeħtieġu aċċess aħjar għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, rikonoxximent tad-diplomi, programmi ta' boroż ta' studju u aċċettazzjoni sħiħa fid-diversi sistemi tal-edukazzjoni għolja bil-patt li l-kriterji akkademiċi kollha jkunu sodifatti;
4. Tissottolinja li s-sitwazzjoni attwali, li fiha l-kwistjonijiet sistemiċi persistenti jagħmluha diffiċli għal ħafna studenti u professjonisti żgħażagħ mis-sħab tal-Lvant li jkunulhom rikonoxxuti awtomatikament id-diplomi jew il-kwalifiki professjonali tagħhom fl-UE, toħloq ostaklu notevoli għall-moviment liberu tal-professjonisti u għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajba bejn iż-żewġ naħat;
5. Tosserva li l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiżi tas-SL jista' jitjieb ħafna bis-saħħa tad-disponibilità tal-gradwati, professjonisti u imprendituri li kisbu esperjenzi ġodda f'kuntesti barranin, li, imbagħad, jippermetti li jinbtu ideat u proċessi ġodda u jikkontribwixxi biex il-valur u l-kompetenzi jinfirxu, isahha l-universitajiet lokali, jiġbed il-fiduċja tal-investituri barranin u jgħin biex ikun evitat l-istaġnar;
6. Temmen li hemm b'żonn qawwi li titreġġa' lura t-tendenza tal-"eżodu tal-imħuħ" taż-żgħażagħ mogħnija b'talenti fir-reġjun tas-SL biex iħallu l-Punent, b'hekk iċaħħdu lil pajjiżhom mill-kompetenzi tant b'żonjużi għat-titjib tas-soċjetajiet tagħhom u għall-iżvilupp sostenibbli;

7. Tissottolinja l-bżonn għall-partijiet kollha involuti fis-Sħubija tal-Lvant biex jiżguraw, kemm mil-lat leġiżlattiv kif ukoll prattiku, aċċess sħiħ għall-edukazzjoni għolja għal kulħadd, bl-ebda diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru, reliġjon, etnija jew fehmiet politiċi; tosserva li l-universitajiet huma universalment rikonoxxuti bħala postijiet ta' tagħlim u ta' espressjoni libera u li t-trawwim tal-eċċellenza akkademika jinqeda bl-aħjar mod permezz tal-ħarsien tal-istudenti minn kull forma ta' persekuzzjoni jew vessazzjoni;
8. Tqis li l-Kummissjoni jmissha, bħala prijorità, taħdem mal-awtoritajiet akkademiċi, amministrattivi u governattivi rilevanti u mal-organizzazzjonijiet studenteschi bil-għan li tevidenzja t-tħassib li jkollhom l-istudenti u l-professjonisti tal-pajjiżi tas-SL biex jiġu identifikati l-problemi speċifiċi li qegħdin jolqtu lir-reġjuni u jinstabu s-soluzzjonijiet;
9. Tisħaq fuq il-fatt li l-gvernijiet tas-SL għandhom bżonn jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jintroduċu sistemi xierqa ta' kontroll u ta' aċċertament tal-kwalità, b'kollaborazzjoni mal-universitajiet u mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-professjonijiet regolati speċifiċi, bil-għan li liċ-ċittadini tagħhom joffruhom opportunitajiet adegwati biex jarrikkixxu l-istudji u l-esperjenza tagħhom, anki fl-UE;
10. Tosserva bi tħassib li għad hemm żbilanċi persistenti relatati mal-ġeneru f'ċerti oqsma tat-taħriġ fil-pajjiżi tas-SL, u tqis li l-aċċess indaqs għal-livelli kollha għaż-żewġ sessi, u partikolarment għall-edukazzjoni terzjarja, jeħtieġ jiġi promoss u stimolat attivament bis-saħħa ta' boroż ta' studju mmirati li jsaħħu d-diskriminazzjoni pożittiva;
11. Jissottolinja li peress li issal-liberalizzazzjoni tal-viżi tlestiet għall-pajjiżi kollha tas-SL, għajr għall-Belarusja, aktar studenti mir-reġjun huma llum interessati jkomplu l-istudji tagħhom fl-UE; tħeġġeġ, għaldaqstant, lill-istituzzjonijiet tal-UE jsaħħu n-negozjati mal-Belarusja fil-qasam tal-liberalizzazzjoni tal-viżi bil-għan li titrawwem il-mobilità tal-istudenti bejn l-UE u l-pajjiżi tas-SL mingħajr eċċezzjoni;
12. Tenfasizza li l-indipendenza tal-universitajiet u s-separazzjoni kompleta tagħhom mill-Istat u mill-politika huma kundizzjonijiet primarji u vitali għal sistema edukattiva kompatibbli mal-UE u li tipproduċi riżultati; tisħaq fuq il-fatt li l-finanzjament tal-universitajiet fuq bażi ġusta huwa pass neċessarju f'din id-direzzjoni u ma għandu jkollu x'jaqsam xejn affattu mal-Istat jew mal-politika, iżda, pjuttost, għandu jkun marbut mal-prestazzjoni, man-numru ta' studenti u mar-riżultati akkademiċi;
13. Tistieden lill-universitajiet fil-pajjiżi tas-SL jadattaw l-offerta edukattiva tagħhom għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol;
14. Tinkoraġġixxi lill-universitajiet kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi tas-SL ifittxu attivament il-kollaborazzjoni reċiproka, l-iskambju tal-esperjenzi u joħlqu mekkaniżmi ta' dialogu permanenti biex jiġġeneraw aħjar il-bidla f'dawn tal-aħħar;
15. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tan-netwerk ENIC/NARIC fid-diversi aspetti tar-rikonoxximent akkademiku u tar-rikonoxximent tal-professjonijiet regolati u mhux regolati, u tqis neċessarju li l-iżvilupp ta' dan in-netwerk ikompli jissaħħaħ, anki billi jiġu żviluppatti l-funzjonament u r-rwol taċ-ċentri nazzjonali fil-pajjiżi tas-SL;

### **Diplomi universitarji fil-qafas tal-Proċess ta' Bolonja**

16. Tilqa' favorevolment il-fatt li l-pajjiżi kollha tas-SL huma membri tal-EHEA u li, minkejja varji differenzi fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Proċess ta' Bolonja, ilkoll qegħdin jistinkaw biex jilħqu l-istess standards fl-edukazzjoni għolja kif inhuma preżenti fil-bqija tal-UE (l-istandards u l-linji gwida għall-aċċertament tal-kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA-ESG)), u li r-rikonoxximent awtomatiku u immedjat għad-diplomi kollha tat-tagħlim għoli għandu jkun l-oġettiv prinċipali fiż-żona kollha kemm hi;
17. Tilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali tal-2015 dwar l-adeżjoni tal-Belarusja fl-EHEA, u tqis dan l-iżvilupp bħala prova tan-natura ta' inklużjoni tal-Proċess ta' Bolonja; tinkoraġġixxi lill-Belarusja tagħmel is-sistema edukattiva għolja kif ukoll il-prassi tagħha kompatibbli ma' dawk tal-pajjiżi EHEA l-oħra;
18. Tqis li l-istrumenti tal-Proċess ta' Bolonja, partikolarment il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) u s-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS), attwalment qegħdin jiġu implimentati korrettament mill-pajjiżi tas-SL f'termini tal-Oqfsa ta' Kwalifiki Nazzjonali (NQFs) u tas-Sistema Nazzjonali ta' Trasferiment ta' Krediti (NCTSs), armonizzati mal-istrumenti ta' Bolonja, u li, filwaqt li għad hemm lok għal titjib, il-kriterji għar-rikonoxximent min-naħa tal-awtoritajiet kontroparti tal-UE fi ħdan iż-Żona ta' Rikonoxximent Ewropea (ZRE) għar-rikonoxximent awtomatiku tad-diplomi universitarji għandhom iwasslu għal rata aċċelerata u miżjuda ta' rikonoxximent tad-diplomi tal-istudenti tal-pajjiżi tas-SL;

19. Tissottolinja l-bżonn li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi fl-UE u fil-pajjiżi tas-SL bil-għan li jsir skambju tal-esperjenzi, peress li fil-maġġoranza tal-pajjiżi r-rikonoxximent tad-diplomi barranin għal skopijiet akkademiċi jsir minn dawk l-istituzzjonijiet;
20. Tirrikonoxxi li l-livelli tan-nefqa pubblika fl-edukazzjoni għolja tvarja ferm fost il-pajjiżi tas-SL, kif inhu l-każ ukoll fl-Istati Membri tal-UE stess; tiddeplora madankollu l-fatt li f'bosta pajjiżi tas-SL u fl-Istati Membri tal-UE ġirien, il-perċentwal ta' PDG li jintefaq għall-edukazzjoni terzjarja huwa fost l-aktar baxxi fl-EHEA, b'hekk żvilupp adegwat fil-qasam huwa diffiċli jew impossibbli;
21. Tosserva li l-istruttura ta' tliet ċikli tal-edukazzjoni għolja (BA, MA u PhD), filwaqt li mhijiex attwata b'mod identiku fit-territorju tal-EHEA, hija, fil-maġġor parti tagħha, rispettata fil-pajjiżi tas-SL, iżda bil-problema li hemm nuqqas evidenti ta' numru adegwat ta' skejjet ta' dottorati jew finanzjamenti disponibbli għall-istudenti ta' dawk il-pajjiżi, u dan huwa r-raġuni prinċipali għala l-maġġoranza tal-kandidati potenzjali jfittxu li jsegu d-dottorati band'oħra;
22. Tissottolinja l-fatt li billi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja stess huma fil-biċċa l-kbira l-korpi ewlenin responsabbli għall-kriterji tal-kontroll tal-kwalità u tal-proċeduri għall-ħruġ tad-diplomi li jirrispettaw il-prinċipji tal-Proċess ta' Bolonja u tal-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent, hemm bżonn qawwi ta' żvilupp ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jkunu aktar awtonomi u aktar b'saħħithom, u tistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jeżaminaw il-mezzi ta' promozzjoni ta' dan l-iżvilupp flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali;
23. Thegġegħ lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-pajjiżi tas-SL u tal-Istati Membri tal-UE jaħdmu biex isaħħu b'mod aħjar fil-leġiżlazzjon nazzjonali l-prinċipji tal-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent għal dak li għandu x'jaqsam kemm mal-kwalità tad-diplomi maħruġa fil-kuntest nazzjonali kif ukoll mal-faċilitazzjoni tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki barranin;
24. Tirrimarka li l-eżistenza ta' "fabbriki ta' diplomi" u "fabbriki ta' akkreditament" kif ukoll in-nuqqas ta' sistemi nazzjonali kompatibbli u koerenti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' Bolonja-EHEA għadha r-raġuni prinċipali li tipprevjeni lil bosta korpi fl-UE milli jkunu jistgħu jirrikonoxxu awtomatikament il-kwalifiki mogħtija fil-pajjiżi tas-SL;
25. Tistieden lill-gvernijiet taż-żewġ naħat jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw il-fiduċja fis-sistema edukattiva għolja, partikolarment billi jiggwarantixxu kundizzjonijiet ta' parità għall-ammissjonijiet u għall-eżamijiet u aċċess għar-riżorsi u għall-faċilitajiet, kif anki drittijiet ugwali għall-boroż ta' studju u, b'mod aktar importanti, jiggwarantixxu li d-diplomi jinħarġu biss lill-istudenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha u mal-eżiti tat-tagħlim QEK neċessarji għall-kwalifika inkwistjoni;
26. Tagħmel appell b'saħħtu lill-korpi tal-UE, iżda wkoll lill-universitajiet, biex jeżaminaw u jidentifikaw modi sinifikanti ta' sostenn favur l-istudenti tas-SL billi jżidu n-numru u l-viżibilità tal-boroż ta' studju akkademiċi mmirati lejn l-istudenti tal-pajjiżi tas-SL, bl-użu tad-diversi strumenti tal-Unjoni iżda wkoll billi jiġu inkoraġġiti l-gvernijiet nazzjonali, il-fondazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi biex jindirizzaw il-bżonnijiet tal-istudenti tal-pajjiżi tas-SL li f'ħafna każijiet jistgħu jiġu minn kuntesti ekonomiċi żvantaġġati u, avolja jiksbu riżultati akkademiċi għoljin, jiltaqgħu ma' diffikultajiet ta' natura finanzjarja biex jistudjaw fl-UE;
27. Tilqa' pożittivament il-parteċipazzjoni attiva tas-sħab tal-Lvant f'Erasmus+ u l-fatt li l-kapaċità ta' assorbiment tal-baġit tagħhom hija tajba ħafna; jiddispjaċiha, għaldaqstant, li l-finanzjamenti disponibbli għall-pajjiżi tas-SL fl-ambitu ta' dawn il-programmi għall-perjodu 2014-2020 baqgħu bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għal dawk tal-perjodu finanzjarju preċedenti;
28. Tqis ta' importanza assoluta għall-oġettiv tat-trawwim ta' aktar kooperazzjoni l-fatt li tingħata spinta lir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-programmi ta' boroż ta' studju tal-UE bħal Erasmus+, li speċifikament ikunu mmirati lejn l-istudenti tas-SL u joħlqu kapitolu speċifiku fi ħdan l-iskemi finanzjarji tal-UE għal dan ir-reġjun, li għall-Unjoni għandu importanza strateġika u kulturali enormi;

### **Kwalifiki professjonali u esperjenza ta' xogħol**

29. Tqis li r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali huwa neċessarju biex jiżgura bosta fażijiet kritiċi għall-iżvilupp taż-żewġ naħat tal-proġett tas-Sħubija tal-Lvant, fosthom it-titjib tal-mobilità temporanja għal finijiet ta' speċjalizzazzjoni tal-impjeg u b'hekk jinfetħu opportunitajiet għaċ-ċittadini tal-pajjiżi tas-SL biex jiksbu kapaċitajiet ġodda li jistgħu jintużaw biex itejbu l-produzzjoni professjonali tagħhom fpajjiżhom iżda wkoll biex jimtlew il-lakuni fil-forzi tax-xogħol taż-żewġ naħat;

30. Tosserva li filwaqt li l-kwalifiki professjonali huma relatati b'intensità mat-titjib tar-rikonoxximent tad-diplomi fl-ambitu tal-Proċess ta' Bolonja, ma hemm l-ebda dokument speċifiku simili għad-Direttiva 2013/55/UE li tirregola l-kwistjoni fi ħdan l-UE, iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Iżvizzera li attwalment ikun jinkludi lill-pajjiżi tas-SL; tinkoraġġixxi, għaldaqstant, inizjattivi ġodda mmirati biex jagħtu dimensjoni tasew kontinentali lil din il-prijorità;
31. Tistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jeżaminaw, flimkien mal-gvernijiet tas-SL, il-possibilità li jinholq qafas ġdid għall-Viċinat Ewropew bil-għan li tiġi estiża s-sistema tal-Karta Professjonali Ewropea (KPE) għal dawn is-sħab; tkun tawspika li dan l-istrument ikun jissarraf f'mobilità professjonali mġedda u aktar dinamika fl-Ewropa u fil-viċinat tagħha u jgħin biex jimtlew il-lakuni globalment fil-kapaċitajiet fid-diversi professjonijiet, b'effetti reċiprokament vantaġġjużi għaż-żewġ naħat;
32. Tenfasizza li l-kooperazzjoni kollha dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali jmissha tkun immirata għall-benefiċċju tal-abilità tal-professjonisti taż-żewġ naħat li jtejbu l-kapaċitajiet, il-prattika u l-mobilità tagħhom mingħajr ma tkun ipperikolata d-disponibilità tal-forza tax-xogħol fil-pajjiżi tas-SL jew jinħolqu żbilanċi fi ħdan l-UE;
33. Tappella għall-iżvilupp ta' approċċ magħqud fit-tweqqi tal-proċeduri ta' rikonnoxximent għall-kwalifiki professjonali għal kulħadd, u tinkoraġġixxi lill-gvernijiet tas-SL jiżviluppaw u jattwaw proċeduri affidabbli u trasparenti għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, l-ewwel u qabel kollox għall-professjonijiet regolati;
34. Tqis ir-rikonoxximent reċiproku tal-esperjenza ta' xogħol tal-ħaddiema b'sengħa bħala komponent vitali fl-iżvilupp ta' suq tal-impjegi fl-Ewropa, u li l-kriterji ta' bażi għandhom ikunu stabbiliti u kondiviżi bejn l-Istati Membri u s-sħab l-oħra bil-għan li tiġi reġistrata u kwantifikata l-esperjenza ta' xogħol sinifikanti tal-ħaddiema;
35. Tqis li, minbarra li jirrikorru għal kriterji relatati mal-kwalità, mat-trasparenza u mal-integrità, l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tas-SL għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-kwalifiki professjonali u kwalunkwe assoċjazzjoni u federazzjoni ta' min iħaddem li jieħdu ħsieb ir-rikonoxximent tal-esperjenza ta' xogħol jagħmlu kull ma jistgħu biex jevitaw kull forma ta' diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi (ġeneru, reliġjon, etnija jew pajjiż ta' oriġini, inkluż kwalunkwe pajjiż tas-SL);
36. Tagħti istruzzjonijiet lill-Kopresidenti tagħha biex jgħaddu din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni, lis-SEAE, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.



**RIŻOLUZZJONI <sup>(1)</sup>****tal-Assemblea Parlamentari Euronest dwar il-każ Nadiya Savchenko**

(2016/C 193/05)

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI EURONEST,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' April 2015 dwar il-każ ta' Nadiya Savchenko <sup>(2)</sup> u r-riżoluzzjonijiet preċedenti l-oħra tal-Parlament Ewropew li jirreferu għal Nadiya Savchenko,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Euronest tas-17 ta' Marzu 2015 dwar l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna u l-bżonn urġenti ta' riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-17 ta' Marzu 2016 tal-President tal-Parlament Ewropew, Martin Schulz,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, prinċipalment dawk tas-7, tad-9 u tal-10 ta' Marzu 2016,
- wara li kkunsidra l-“Pakkett ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Minsk” tat-12 ta' Frar 2015,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2202 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tas-17 ta' Frar 2015, li ssekondaw il-Ftehimiet ta' Minsk;
- wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tad-dritt umanitarju internazzjonali u, b'mod partikolari, it-Tielet Konvenzjoni ta' Ġinevra relattiva għat-Trattament tal-Priġunieri tal-Gwerra tat-12 ta' Awwissu 1949,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2034 (2015) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa,
- A. billi l-militanti, immexxija mir-Russja, issekwestraw lil Nadiya Savchenko, bdot militari tal-Ukrajna, fit-territorju tal-Ukrajna u ħaduha illegalment ir-Russja fejn inżammet bħala “mistiedna” flukanda u ġiet miċħuda kull kuntatt mal-familja tagħha, u mbagħad ġiet akkużata b'mod infondat bi qtil mill-awtoritajiet lokali;
- B. billi Nadiya Savchenko, li ddistingwiet ruħha bħala suldat fil-grad ta' logutenent, kienet l-ewwel mara li daħlet fl-Akkademja tal-Forza tal-Ajru tal-Ukrajna u l-uniku suldat mara fil-forzi taż-żamma tal-paċi fl-Iraq, u li offriet ruħha volontarja biex tiegħu sehem fl-Operazzjoni Anti-Terroriżmu fil-Lvant tal-Ukrajna;
- C. billi Nadiya Savchenko ġiet eletta Membru tal-Verkhovna Rada tal-Ukrajna u nħatret bħala rappreżentanta tal-Ukrajna fi ħdan l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa matul il-perjodu tal-priġunerija tagħha; billi r-riżoluzzjoni 2034 (2015) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa għamlet appell għal-liberazzjoni immedjata tagħha kif ukoll għar-rispett tal-immunità parlamentari tagħha, anke min-naħa tal-Federazzjoni Russa li hija membru tal-Kunsill tal-Ewropa;
- D. billi l-Federazzjoni Russa ma għandha l-ebda dritt li tiddetjeni, tarresta, takkuża jew tipproċessa ċittadini tal-Ukrajna fuq allegazzjonijiet ta' delitti kommissi fit-territorju tal-Ukrajna;
- E. billi l-prosekutur statali biddel regolament l-argumenti tiegħu fir-rigward tal-linja ta' akkuża u l-verdett finali ġie pospost darbtejn bla ma kien mistenni;
- F. billi minkejja l-kundizzjoni ta' saħħa ħażina ta' Nadiya Savchenko, la t-tobba u lanqas ommha ma tħallew iżuruha; billi t-tobba tal-Ukrajna u l-Membri tal-Parlament tal-Ukrajna twieghru serjament minn ostakli huma u jipprovaw jaqsmu l-fruntiera;
- G. billi Nadiya Savchenko kienet Mistiedna tal-Unur fil-Forum tan-Nisa tal-Assemblea Parlamentari Euronest;

<sup>(1)</sup> Adottata fit-22 ta' Marzu 2016 fi Brussell, il-Belġju.<sup>(2)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2015)0186.

1. Tikkundanna lill-Federazzjoni Russa tas-sekwestru u tat-trasferiment illegali ta' Nadiya Savchenko mit-territorju tal-Ukrajna lejn ir-Russja u tad-detenzjoni tagħha fil-ħabs għal kważi sentejn;
  2. Tesiġi li l-Federazzjoni Russa tillibera immedjatament u inkundizzjonatament lil Nadiya Savchenko;
  3. Tappella lill-Federazzjoni Russa tirrispetta totalment lill-Ftehimiet ta' Minsk; tfakkar li, skont il-Ftehimiet ta' Minsk, ir-Russja assumiet l-obbligu ta' skambju tal-persuni detenuti illegalment kollha; tqis, għaldaqstant, li r-Russja la għandha bażi ġuridika u lanqas kompetenza ġurisdizzjonali biex tiegħu azzjoni legali kontra ċittadin tal-Ukrajna, partikolarment fil-każ ta' Nadiya Savchenko, li għet issekwestrata u imprigunata fuq akkużi vvinċuti ta' allegat delitt kommiss fl-Ukrajna;
  4. Hi tal-fehma li ż-żamma taħt arrest ta' Nadiya Savchenko bħala priġuniera tal-gwerra fhabs Russu tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949;
  5. Tfakkar lir-Russja fl-obbligu internazzjonali tagħha li tirrispetta l-immunità tal-Membri tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa;
  6. Tfakkar li lill-Federazzjoni Russa tinkombi r-responsabilità sħiħa għas-saħħa u għall-benessri ta' Nadiya Savchenko; tħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi jippermettu lit-tobba tal-Ukrajna jżuruha;
  7. Tħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa taġixxi skont l-obbligi internazzjonali tagħha u tillibera lil Nadiya Savchenko, lis-Sur Sentsov, lis-Sur Kolchenko u liċ-ċittadini tal-Ukrajna l-oħrajn, kif ukoll tiggarantixxi immedjatament ir-rimpatriju sikur tagħhom fl-Ukrajna; tħeġġeġ lill-awtoritajiet ġudizzjarji u u lil daww inkarigat mill-eżekuzzjoni tal-liġi jaqdu dmirijethom fil-futur b'mod imparzjali u indipendenti;
  8. Tħeġġeġ lill-UE tfassal lista ta' individwi responsabbli miż-żamma taħt arrest illegali ta' Nadiya Savchenko li jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi tal-UE;
  9. Tagħti istruzzjonijiet lill-Kopresidenti tagħha biex jgħaddu din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tas-Sħubija tal-Lvant.
-



ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**